# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Ottubru 2000 - Nru.822



## IŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN MAL-PAPA FIL-ĠUBLEW

**Qed taħseb biex tħalli**
**TIFKIRA SABIĦA TA' L-GĦEŻIEŻ TIEGĦEK?**

**"ĠILJAN TAX-XAGĦRA"**




jaf jaħsiblek biex
twaqqaf monument
dekoruż u dejjiemi,
ta' l-irħam
jew tal-granit,
bi prezzijiet moderati,
fuq il-qabar
tal-familja tiegħek.

META F'NOVEMBRU ŻŻUR IĊ-ĊIMITERJI T'GĦAWDEX,
WAQT LI TITLOB GĦALL-MEJTIN, ARA WKOLL
IX-XOGĦOL SABIĦ FUQ ĦAFNA OQBRA MAGĦMULA MINN

**JULIAN SULTANA & Co. Ltd.**

MARBLE AND GRANITE MONUMENTAL WORKS,

*Marsalforn Road, Xagħra. Tel: 557136. Mobile: 0949 3442.*

DESIGN & COLOR SEPARATIONS: SCERRI REPROGRAPHICS STUDIO - VICTORIA • TEL: 553654

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 mit sena ilu – Ħlasijiet lill-Kastellan tax-Xlendi • 8
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - Il-15-il Jum Mondjali taż-Żgħażagħ • 12
Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa liż-Żgħażagħ • 16
Il-Beatu Papa Piju XI • 18
Il-Kelma fil-Bibbja • 20
Apprezzament: Mons. Emmanuel Mercieca • 22
It-Tabib Anton Tabone • 24
Dun Ġorġ Preca u l-Madonna • 26
Ġublew taż-Żgħażagħ • 27
Il-Prinċipju tal-Libertà Reliġjuża • 28
X-Xjuħ fil-Folklor Għawdxi • 30
Wirt għiritna : Fdalijiet ta' żmien ir-Rumani • 34
Int u saħħtek - Il-Kolesterol • 36
Bookmark • 39
Għawdex Sportiv • 40
Mid-Dinja Teknoloġika • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 822**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
**e-mail: lumenchristi@gozodirect.com**
**homepage:**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fl-15 ta' Settembru 2000.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Iż-Żgħażagħ Għawdxin li pparteċipaw fil-Ġublew taż-Żgħażagħ f'Ruma

# EDITORJAL



## MENTI NOSTRAE 50 SENA ILU

*Fi Għiritna b'xorti tajba, għandna għadd sabiħ ta' saċerdoti u bosta minnhom huma tassew eżemplari u dedikati għax-xogħol pastorali. Għandna wkoll numru sabiħ ta' saċerdoti jaħdmu f'artijiet tal-missjoni u niesna jimpenjaw ruħhom biex jibagħtulhom minn kollox biex isostnuhom fil-ħidma tagħhom għall-popli fqar.Għandna saċerdoti oħrajn li jinsabu jaħdmu fi djoċesijiet fejn hemm nuqqas ta' kleru u l-ħidma tagħhom hi apprezzata ħafna min-nies tal-post.*

*L-istima tas-saċerdoti twassal biex il-poplu jitlob ħafna minnu speċjalment fil-perfezzjoni spiritwali u qdusija personali. Anki l-Knisja tagħti direttivi lis-saċerdoti tagħha dwar kif għandhom ifass lul-ħajja tagħhom biex jitqaddsu. Illum nixtiequ nfakkru l-Enċiklika Menti Nostrae tal-Papa Piju XII li kiteb fit-23 ta' Settembru 1950, 50 sena ilu.*

*Din l-ittra enċiklika Piju XII jirsisti li d-dinja teħtieġ saċerdoti qaddisin (4). Iktar ma' d-dinja titbiegħed minn Alla, iktar hemm bżonn li s-saċerdot ikollu "perfezzjoni interjuri" minħabba n-natura stess ta' l-uffiċċju għoli li rċieva mingħand Alla (6).*

*Il-Papa jsemmi l-virtujiet li s-saċerdot għandu jiżżejjen bihom. Dawn huma karità kbira, umiltà, ubbidjenza lejn Alla u lejn l-awtoritajiet leġittimi, ċelibat u kastità, spirtu ta' faqar, sagrifiċċju, talb, spirtu ta' apostolat, taħriġ tajjeb fit-teoloġija u devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija u lejn il-Madonna.*

*F'għeluq ta' din l-enċiklika Piju XII ifakkar lill-insara li għandhom jgħinu lis-saċerdot u ma jħalluhx nieqes mill-bżonnijiet essenzjali tal-ħajja. Huma fid-dmir li jifhmuh, jikkoperaw miegħu u jsostnuh biex jgħix b'mod deċenti (126-128). Ikun għajb għall-poplu nisrani li jibqa' passiv quddiem il-bżonnijiet tas-saċerdoti li jsibhom dejjem lesti biex jaqduh fil-bżonnijiet spiritwali u drabi anke fi bżonnijiet oħra. M'għandhomx jintesew dawk is-saċerdoti li jiddedikaw ruħhom għall-ħidma fost it-tfal u ż-żgħażagħ, ħidma li titlob ċaħdiet u sagrifiċċji kbar u regolari. Jekk il-poplu tagħna jista' jifraħ bl-għadd sabiħ ta' saċerdoti li għandna, għandu jkun ukoll tolleranti magħhom, jagħdirhom, jifhimhom, jitlob għalihom u jgħinhom speċjalment fi xjuħithom meta l-iktar ikollhom bżonn li ma jiġux abbandunati u minsijin.*




## Mons. Isqof f'pellegrinaġġ mal-morda

Mis-Sibt 29 ta' Lulju sat-Tlieta 8 t'Awissu Mons. Isqof ħa sehem f'pellegrinaġġ għall-morda li jiġi organizzat ta' kull sena mill-Għaqda Maltija għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes. F'Lourdes Mons. Isqof ippresieda konċelebrazzjoni - li saret fil-grotta - għall-pellegrini Maltin u Għawdxin, u ħa sehem ukoll fil-Quddiesa hekk imsejħa Internazzjonali illi ssir fil-Bażilika San Piju X. Barra minn hekk, Mons. Isqof kellu wkoll udjenza mal-Papa f'Castelgandolfo nhar is-Sibt 5 t'Awissu. Il-pellegrini żaru wkoll is-Santwarji Franġiskani f'Assisi u s-Santwarju ta' San Benedittu f'Subiaco.

## Konsagrazzjoni tal-Artal Mejda tal-Katidral

Waqt konċelebrazzjoni li nżammet nhar il-Ġimgħa 11 t'Awissu 2000 flimkien mal-Kapitlu u saċerdoti oħra fil-Kattidral, Mons. Isqof ikkonsagra l-Artal Mejda tal-irħam li tqiegħed dan l-aħħar. L-artal huwa disinn tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u s-Sur Salv Bugeja, u ġie maħdum mid-ditta Felici ta' Carrara. Il-benefatturi ta' l-artal huma s-Sur Ġużeppi Caruana flimkien ma' martu u wliedhom.

## Ftuħ u tberik tar-*Renal Unit* fl-Isptar f'Għawdex

L-Onorevoli Ġiovanna Debono, Ministru għal Għawdex fetħet uffiċjalment r-*Renal Unit* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fl-14 t'Awissu. Ir-*Renal Unit* tinsab fil-parti tas-*C.C.U.* Mons. Isqof bierek dan is-servizz ġdid għall-morda Għawdxin, li issa ma jkollhomx iktar bżonn imorru Malta għall-kura.

## Il-Velja ta' l-Assunta

Din il-velja, li saret fl-14 t'Awissu fil-għaxija, bdiet fid-9.00 b'mixja ta' fidi *aux flambeaux* minn ħdejn is-Siġra l-Kbira akkumpanjata mix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu. Matul din il-mixja tkantaw innijiet Marjani u ntqalu s-salmi. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni quddiem is-Santwarju. Fl-omelija, Mons. Isqof tkellem dwar il-Pastorali ta' Santa Marija, li titkellem mill-persuna tal-mara fil-ħajja tal-Knisja. Mons. Isqof wera d-dispjaċir tiegħu għall-mod ta' kif ċerti ġurnali trattaw din il-Pastorali u għal ċerta kritika nġusta li saret. Mons. Isqof saħaq li jekk il-messaġġ tal-Knisja ma jiġix milqugħ fid-dawl tal-fidi u t-tagħlim ta' Kristu, allura faċli li wieħed jitbiegħed mill-verità.

## Laqgħa mat-tfal ta' Chernobyl

Il-Ġimgħa 18 t'Awissu Mons. Isqof kellu laqgħa ma' grupp ta' tfal minn Chernobyl (Russja) li għal dawn l-aħħar snin qed ikunu mistiedna biex jgħaddu l-vaganzi tas-Sajf fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex. F'Għawdex huma kienu alloġġjati fl-Istitut ta' San Ġużepp. Il-laqgħa ta' Mons Isqof ma' dawn it-tfal saret fil-Lumen Christi Media Centre.

## Il-kxif u t-tberik tal-monument tat-tabib Anton Tabone

It-tberik tal-monument tat-tabib Anton Tabone (Il-Prinċipal) sar minn Mons Isqof fit-18 t'Awissu. Għal din l-okkażjoni, fost il-mistiedna preżenti kien hemm il-President ta' Malta u l-Ministru għal Għawdex. Il-monument ġie mikxuf mill-E.T. Ċensu Tabone, ex-President ta' Malta u mill-E.T. Guido de



Marco, President ta' Malta. Fost dawk li għamlu d-diskorsi ta' l-okkażjoni kien hemm is-Sur Franco Masini, is-Sindku tar-Rabat is-Sur Pawlu Cassar l-Ministru Ġiovanna Debono, Mr. Anton Tabone, l-i*Speaker* tal-Kamra. Is-serata kienet animata mill-kant tal-korijiet *Chorus Urbanus*, *Choruas Ecclesiae Cathedralis* u *Laudate Pueri*.

## Laqgħa għas-saċerdoti msefrin

Nhar is-Sibt 19 t'Awissu Mons. Isqof iltaqa' għat-tieni darba ma' grupp ta' saċerdoti Għawdxin li jaħdmu barra minn xtutna. Din il-laqgħa isservi biex is-saċerdoti jżommu l-kuntatt tagħhom ma' l-Isqof u ma' sħabhom is-saċerdoti msefrin. Barra minn hekk hija okkażżjoni fejn saċerdoti li ġejjin minn esperjenzi u minn pajjiżi diversi jaqsmu flimkien l-esperjenza pastorali. Matul il-laqgħa ġew indirizzati wkoll Mons. Salv Grima, delegat ta' l-Isqof għas-saċerdoti msefrin.

## Pellegrinaġġ Djoċesan Marjan għal Malta

Kif soltu jsir ta' kull sena, sar Pellegrinaġġ Djoċesan għal Santwarju Marjan F'Malta. Għal din is-sena ntgħażlet il-Knisja tal-parroċċa ta' l-Imġarr, iddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni u fl-omelija tkellem minn żewġ veritajiet fundamentali għan-nisrani: l-immortalità tar-ruħ u l-qawmien mill-imwiet fl-aħħar jum. L-imġieba tan-nisrani tiddependi minn kif iħares u jilqa' dawn il-veritajiet tal-fidi.

## Il-funeral ta' Mons. Emmanuel Mercieca

Fid-29 t'Awissu sar il-funeral ta' Mons. Emmanuel Merċieca, Arċipriet Emeritus tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Il-konċelebrazzjoni tmexxiet mill-Arċipriet tal-Bażilika Mons. Ġużeppi Farruġia, flimkien ma' għadd ta' saċerdoti. Fi tmiem il-quddiesa Mons. Isqof assista għall-kant tal-*libera* u ta l-aħħar tislima lill-mejjet.

## Kxif ta' Lapida mil-Leġjun ta' Marija



Nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru saret il-laqgħa tal-*Concilium* tal-Leġjun ta' Marija fil-*Headquarters* tagħhom. Fl-aħħar parti tal-laqgħa tkellem ukoll Mons Isqof u ħeġġiġhom biex il-passat sabiħ ta' din l-Għaqda ikun spinta biex jaħdmu iktar għall-futur. Fl-aħħar tal-laqgħa Mons. Isqof kixef lapida li tfakkar il-50 sena minn mindu il-Leġjun ta' Marija beda jaħdem fil-gżira ta' Għawdex.

## Mons. Isqof jiltaqa' maż-żgħażagħ Għawdxin li ħadu sehem fil-Ġublew taż-Żgħażagħ f'Ruma

It-Tlieta 5 ta' Settembru saret laqgħa għal dawk iż-żgħażagħ li ħadu sehem fil-Ġublew taż-żgħażagħ li sar f'Ruma. Mons. Isqof mexxa quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla, waqt li ż-żgħażagħ animaw il-liturġija bil-kant ferrieħi tagħhom. Mons. Isqof kien iltaqa' wkoll ma' dan il-grupp ta' żgħażagħ Għawdxin fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb fit-8 t'Awissu li għadda, bi tħejjija għal dan il-pellegrinaġġ. Dan il-pellegrinaġġ u s-sehem fil-15-il Jum Mondjali taż-Żgħażagħ ġie organizzat mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.

## Il-miġja tar-Relikwija tad-Dmugħ tal-Madonna ta' Siracusa

Fl-okkażżjoni tal-festa tal-Bambina il-Parroċċa tax-Xagħra ġabet ir-relikwija tad-Dmugħ tal-Madonna ta' Siracusa. Ir-Relikwarju wasal fis-6 ta' Settembru u ġie miġjub mir-Rettur tas-Santwarju ta' Siracusa Don Michele Giansiracusa. Saru diversi attivitajiet, fosthom manifestazzjoni għat-tfal, ċelebrazzjoni għall-morda, żjara fl-isptarijiet. Is-Sibt 9 ta' Settembru saret Manifestazzjoni Marjana Nazzjonali. Fis-6.00p.m. saret Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċisqof ta' Siracusa Mons. Giuseppe Costanzo, flimkien ma' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi u l-E.T. Mons Annetto Depasquale. Fl-istess jum l-Arċisqof Costanzo iltaqa' mal-Kleru t'Għawdex fil-Kappella tas-Seminarju.



# X'ġara dan l-aħħar

Lelio Spiteri

## WIRJA TA' SANTA MARIJA



Il-President ta' Malta, il-Prof. Guido de Marco, akkumpanjat mill-Ministri Giovanna Debono u Ninu Zammit, żaru l-Wirja tal-Biedja u Snajja', nhar Santa Marija fil-Ġonna Pubbliċi ta' Villa Rundle. Il-wirja kienet organizzata mis-Soċjetà Agrikola, Industrijali u Kulturali ta' Għawdex.

## KUNĊERT MUŻIKALI



Kunċert mużikali mill-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ (Għawdex), bl-isem ta' *Fantasia 2000*, taħt il-patroċinju tal-Ministru għal Għawdex, ġie mtella' għall-pubblika fil-pjazza tar-raħal taż-Żebbuġ l-Erbgħa 16 t'Awissu. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joe Grech u ndaqqu diversi xogħolijiet. Saru diskorsi minn George Cefai, Segretarju Eżekuttiv tal-Banda, mill-President tal-Banda Stephen Cini, mill-Arċipriet tal-parroċċa l-Kan. Noel Saliba, u mill-Ministru għal Għawdex. Saret preżentazzjoni ta' tifkira lil Dun Salv Tabone, l-ewwel direttur spiritwali tal-Banda fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Is-sur Paul Caruana ppreżenta marċ lill-President tal-Banda Santa Marija, is-sur Stephen Cini.

## KAMPANJA TA' TINDIF

Nhar il-Ħamis 17 t'Awissu ngħata bidu għall-kampanja annwali *Clean Up the Seas*, fil-bajja tax-Xlendi bil-parteċipazzjoni ta' diversi Maltin u Għawdxin. Din l-inizjattiva ttieħdet mill-Gvern u mill-privat, bl-iskop li titjieb l-immaġni tal-gżira Għawdxija għall-benefiċċju tat-turiżmu.

## SERATA KOMMEMORATTIVA

Il-Ħamis 17 t'Awissu fil-pjazza taż-Żebbuġ, Għawdex sar il-BBQ annwali tal-festa organizzat miż-Żebbuġ Rovers F.C. Din l-attività tmexxiet minn Joe Bajada, li bħala editur tal-pubblikazzjoni *Żebbuġ Rovers F.C. - Il-Ġublew tal-Fidda 1975-2000*, ippreżenta kopja lill-president Teddy Cefai u lil Jimmy Catania, il-fundatur ta' Żebbuġ Rovers. Bħala ġest, il-Kumitat ippreżenta tifkira lil Joe



Bajada bħala rikonoxximent tax-xogħol li għamel *senza interessi* għall-pubblikazzjoni tal-ktieb. Matul din l-attività ġew mogħtija l-unuri tal-klabb. Fi tmiem il BBQ inkixfet irħama kommemorattiva f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-klabb mill-President Teddie Cefai u li tbierket mill-Arċipriet Noel Saliba.

## JUM L-GĦARB

Dan il-Jum ġie ċċelebrat nhar it-Tlieta 29 t' Awissu mill-Kunsill Lokali tal-post. Fil-knisja parrokkjali ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr mill-Arċipriet Mons. Karm Gauci. Wara ttella' programm ta' attivitajiet. Saret l-inawgurazzjoni ta' żewġ fanali ġodda fuq iz-zuntier tal-knisja. Studenti tal-*ballet* u drama taw is-sehem tagħhom ukoll waqt din is-serata. Filippa Caruana u Stephen Apap, żewġt itfal mil-lokalità, qraw silta mill-istorja tal-ħajja ta' Karmni Grima u Frenċ ta' l-Għarb. Kuruni u bukketti ta' ward tpoġġew quddiem il-monument ta' l-isqof Mikiel Molina minn diversi mistednin. Is-Sindku David Apap u l-Ministru għal Għawdex għamlu diskors ta' l-okkażjoni. Din is-



sena l-premju *Ġieħ l-Għarb* ġie pprezentat lil Mons. Isqof Nikol Cauchi, ir-Ragħaj tad-Djoċesi u iben dan ir-raħal.

## *GOZO – ISLAND OF MYTH AND MIRACLES*

Ġie llanċjat uffiċjalment dan il-ktieb-gwida dwar Għawdex nhar it-Tlieta 29 t' Awissu mill-Ministru



għal Għawdex, is-Sinjura Giovanna Debono. Il-ktieb-gwida sar fuq inizjattiva tal-*Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu*, kif ukoll tal-Ministeru għal Għawdex. L-iskop prinċipali wara din il-gwida kien li tingħata stampa ħajja u komprensiva ta' kull aspett li jsawwar il-karattru u l-ispirtu ta' Għawdex u l-Għawdxin. Din il-gwida ser isservi ta' għodda promozzjonali fost is-swieq turistiċi barranin, bħalma huma operaturi u aġenziji ta' l-ivvjaġġar. Il-kelliema f'din l-okkażjoni kienu s-Sinjuri Sammy Rapa u Joe Muscat, rispettivament *Chairman* u Segretarju ta' l-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu, u l-Ministru għal Għawdex. Preżenti kien hemm ukoll is-Sur George Mifsud, Direttur Ġenerali tal-Kumpanija M.P.S. li ħadet ħsieb din il-pubblikazzjoni.

## KANAL GĦALL-ILMA TAX-XITA



Il-Ministru għal Għawdex nhar l-Erbgħa 30 t'Awissu għamlet żjara fin-naħa t'isfel tal-Belt Victoria fejn beda x-xogħol fuq kanal biex jilqa' l-ilma tax-xita. L-ewwel fażi tax-xogħol, li tikkonsisti fil-parti li mill-Wied ta' Żejta twassal sa salib it-toroq, bdiet nhar il-Ħamis 24 t'Awissu. It-tieni fażi tal-proġett mistenni jitkompla matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru meta t-traffiku tas-sajf ikun batta. It-trinka għall-ilma ser tibda minn ħdejn il-

Ġonna ta' Villa Rundle u tibqa' sejra sal-Wied ta' Żejta. Dan qed isir biex tittaffa l-problema ta' l-ilma tax-xita fi Triq Fortunato Mizzi. Barra minn hekk, fil-parti ta' fuq tal-kanal qed tinbena parti oħra li ser isservi biex minnha jgħaddu s-servizzi ta' l-ilma u d-dawl li jkunu meħtieġa fil-futur, u dan sabiex jiġu eliminati darba għal dejjem l-inkonvenjenzi ta' tħaffir ta' diversi trinek fl-istess triq.



## SANNAT IR-REBBIEĦA

It-tim rappreżentattiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat rebaħ ir-raba' edizzjoni tal-*Logħob mingħajr konfini*. Dan il-logħob, bil-parteċipazzjoni ta' diversi Kunsilli Lokali Għawdxin, ġie organizzat mill-Bord Sportiv Għawdxi flimkien mal-Kumpanija *Leisure and Animation*. Tul din is-serata, li saret il-Ġimgħa 1 ta' Settembru, fil-Menqa ta' Marsalforn, sar ukoll kant minn Adelina Attard u Joe Demicoli, li komplew żewqu din l-attività sportiva. Saru diskorsi qosra ta' l-okkażjoni, kemm miċ-*Chairman* tal-Bord Sportiv Għawdxi, Joe Bajada, kif ukoll mill-Ministru għal Għawdex, li ppreżentat trofej u midalji lir-rebbieħa u lill-parteċipanti kollha.

## FIERA

Nhar il-Ħadd 3 ta' Settembru fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien ġiet organizzata fiera mill-Għaqda Mużikali tal-Qala *Ite ad Joseph*. Kien hemm logħob għat-tfal u għall-kbar flimkien ma' bejgħ ta' prodotti bi prezzijiet baxxi attraenti.





**RING-FILE A4... B'XEJN!**

**Matul ix-xahar ta' Ottubru biss**

Il-LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria,qed joffri **rigal ta' *Ring-File A4*** għal kull Lm5 li jintefqu f'oġġetti (*stationery*, mhux kotba) tal-iskola, lit-tfal u studenti klijenti tagħna.

**EJJA S'GĦANDNA!**

**ISSIBILNA KULL XORTA TA' *STATIONERY* BL-IRĦAS PREZZIJIET.**



Il-*"Colour Separations"* ta' din ir-rivista ġew preparati minn:

Scanning | Colour Separations
Image Manipulation | Artwork
Production | Magazines | Design

Scerri Reprographic Studio
Victoria | Gozo

52, Palm Street,
Victoria,
Gozo - VCT 103,
Malta.
Tel/Fax: (+356) 561488
(+356) 553654

A Division of Scerri Photo Studio




# ĦLASIJIET LILL-KASTELLAN TAX-XLENDI

It-tmienja u tmenin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlasijiet magħmula lill-kastellan tat-Torri tax-Xlendi u l-ajjutant tiegħu għal xogħolhom minn Mejju sa Awwissu. Jinsabu reġistrati nhar il-31 ta' Awwissu, 1700 — tliet mit sena ilu — fit-tmien volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1699–1700), folju 30v (NAG, UG, *Acta*, 8/1699-1700, f. 30v).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Michele Hagius, tesoriero di quest'Università del Gozo pagarete a:**

**Mastro a Giuseppe Falson Castellano nella torre Xilendi scudi sei e tarì otto di moneta se gli devino per suo salario di mesi quattro incominciati il 1° maggio primo passato e finiti hoggi l'ultimo instante a ragione di scudi venti l'anno gli da detta Università per suo tratenimento di che tirando vostra cautela ponerete a nostri conti li 31 ed ultimo agosto 1700;**

**Ippolito Incontri Aggiutante nella torre Xilendi scudi otto e tarì quattro di moneta se gli devino per suo salario di mesi quattro incominciati il primo maggio primo passato e finiti hoggi l'ultimo instante a ragione di scudi venti cinque l'anno gli da detta Università per suo trattentimento di che tirando vostra cautela ponerete a nostri conti li 31 ed ultimo agosto 1700.**

It-torri fit-tarf tal-bajja tax-Xlendi beda jinbena fis-sena 1650. Kien mibni bi flus l-Universitas li kienet ukoll responsabbli minn kull tiswija meħtieġa u għall-paga ta' min kien jagħmel għassa u ta' l-ajjuttant tiegħu, kif sewwa sew jixhed dan id-dokument.

It-torri kien mgħammar bl-artillerija kollha meħtieġa mill-Gvern tal-Kavallieri. Il-Kavallieri kienu wkoll responsabbli għall-pagi tal-bumbardiera, iżda dawn ma kienux tal-fiss, iżda kienu jintbagħtu fit-torri meta jkun hemm bża ta' xi nżul tal-għadu.

Il-Kastellan tax-Xlendi fl-1700 kien Ġużepp Falson. Kien jitħallas għoxrin skut fis-sena. Il-paga kienet toħroġ tliet darbiet fis-sena u għalhekk terz-il paga, minn Mejju sa' Awwissu, kien jiġi 6 skuti u 8 irbiegħi. Mhux ħafna, iżda jidher li l-Kastellan kien jagħmel dan ix-xogħol *part-time*, li jfisser li ma kienx ikun il-ħin kollu fit-torri.

Dan joħroġ mill-fatt li l-ajjutant kellu paga iktar mill-Kastellan, paga ta' ħamsa u għoxrin skut fis-sena, li terz minnhom jiġu 8 skuti u 4 irbiegħi. Lanqas ma' hu ħafna, iżda milli jidher, b'dan ix-xogħol, l-ajjutant kien jiffranka ż-żamma ta' dar, għax kellu dritt joqgħod hemm flimkien mal-familja tiegħu.

Dan nafuh mill-famuż ċensiment ta' Għawdex tal-1667, meta l-għassies tat-torri tax-Xlendi kien Aloisio Incontri u kien joqgħod fit-torri ma' martu Natalina u s-sitt uliedu. Fl-1700, meta sar dan il-ħlas, l-Ajjutant kien Ippolito Incontri li kien jiġi r-raba' wild tiegħu. Fl-1667, Ippolito kellu erba' snin, jiġifieri fl-1700 kellu 37 sena.

Jidher li l-għajdut *like father, like son*, jiġifieri li jiġri kemm-il darba li l-ulied jimxu fuq il-passi ta' missierhom fix-xogħol, kien anki jissuċċiedi dak iż-żmien.






## ĊIMITERJU TAL-KAROZZI

Mill-belveder ħdejn il-Konservatorju ta' l-Isqof għadha titgawda (sakemm jippermettu!) veduta sabiħa li tieħu l-għajn 'l hemm minn Marsalforn. Minn xi żmien 'l hawn din il-veduta ssebbħet bid-dehra ta' ħafna karozzi mkissra li qed jitpoġġew fuq xulxin fuq bejt (iva, fuq il-bejt!) ta' waħda mill-binjiet li tmiss mat-triq tal-Konservatorju. Stagħġibt kif l-Awtorità ta' l-Ippjanar u tas-Sanità taw permess biex jinfetaħ ċimiterju fil-qalba rar-Rabat, f'post fejn għadek tista' tgawdi n-natura u l-għoljiet tal-gżira tagħna. Forsi biex ifakkruna li Għawdex ukoll qed igawdi mill-progress tad-dinja tal-lum!

## IL-MITĦNA TAX-XLENDI

Ħafna minnkom żgur jafu (u wħud jiftakru) li mħaffra fil-blat biswit il-Knisja tax-Xlendi hemm mitħna tal-qamħ li kienet tintuża fi żmien il-gwerra. Minn barra ma jidher kważi xejn għajr trejqa u bieb qadim fil-blat. Imma ġewwa hemm tant spazju li t-trakkijiet mgħobbija bix-xkejjer tal-qamħ setgħu jibqgħu deħlin ġewwa u jduru bil-kumdità.

Xi żmien ilu l-Kunsill Lokali tal-Munxar iddeċieda li jagħmel proġett ta' restawrazzjoni ta' din il-mitħna biex jiġi preservat wirt storiku u arkeoloġiku ta' gżiritna. Hejja studju u rapport dettaljati ta' dan il-proġett, u ressaq kollox quddiem l-awtoritajiet għall-approvazzjoni tagħhom. Wara diversi laqgħat fil-Ministeru ta' Għawdex u ma' l-awtoritajiet konċernati f'Malta, il-Kunsill ġie mwiegħed li sa Ġunju (li għadda!!!) kellha ssir id-*devolution* tal-mitħna biex minn taħt il-Gvern Ċentrali l-post jiġi amministrat mill-Kunsill tal-Munxar u hekk jibda l-proġett tar-restawr.

Imma minn dawn il-wegħdiet kollha ma seħħ xejn. Xejn. X'ġara? Xi ħadd fil-Ministeru ta' Għawdex waqqaf kollox għax deħrlu li - skond il-liġi - kellu jitwaqqaf Kumitat apposta biex jara li kollox isir kif suppost u ma jintilef xejn mit-tifkiriet u mill-wirt ta' dan il-post. Ħaġa tajba, anke jekk il-Kunsill tal-Munxar kien ilu żmien twil li ħaseb għal dan.

Hu minnu li din hi r-raġuni vera għala l-burokrazija waqqfet proġett bħal dan, uniku f'Għawdex? Jew hemm xi ħaġa oħra? Aħna smajna li r-raġuni vera hi li l-Mitħna tax-Xlendi saret *dumping area* tal-karrijiet tal-karnival u tal-*boards* ta' l-iskejjel tal-Gvern!

Mela, jekk dan hu minnu, viva r-Re tal-Karnival għax baqa' jsaltan barra minn jiemu!

## MAŻ-ŻEWĠ PARTITI

Mhux lakemm issib nies bħal dan ħabibi. Jaqbel maż-żewġ partiti. Mhix ħaġa ħażina, tafux. Kellna bżonn ta' nies bħalu biex ineħħu xi ftit mill-firda tal-politika partiġġjana. Jgħid li jivvota Labour imma ferħan bil-Gvern tal-lum... għax jidħol filgħodu għax-xogħol, jiffirma... u jitlaq lejn id-dar mill-ġdid bla ħkwiet ta' xejn!

Prosit, ħabib, ġibtha żewġ! Imma nittama li ftit huma dawk li jirraġunaw bħalek, huma ta' liema partit huma.

## ĠOBON FRISK U *MMELLAĦ*!...

Il-ġbejniet friski ta' Għawdex, li minnhom isiru wkoll il-ġobon moxx u l-ġobon tal-bżar, huma mfittxija minn ħafna. Għad fadal diversi nies f'Għawdex li għadhom jagħmlu l-ġobon frisk bil-metodi tradizzjonali: ħalib frisk tan-nagħaġ (għalhemm hemm minn juża tal-mogħoż, li, però, jħalli ftit tat-togħma differenti), jitħallat miegħu l-qtar tat-tomos, u kollox jitqiegħed għas-sħana (mhux fuq in-nar), sakemm issir il-baqta, li mbagħad titqiegħed fil-qwieleb (darba kienu tal-qasab!) biex issir ġobon frisk. Fuq il-baqta, u hi u tiddawwar fil-qaleb biex tieħu l-forma, jitqiegħed ftit melħ oħxon. Togħma u tjubija tal-ġenn!

Imma hemm min irid il-flus bi ftit tbatija u bi ftit spejjeż. Flok il-ħalib tan-nagħaġ jintuża t-trab tal-ħalib (u trid tara ta' liema kwalità!), flok il-qtar tat-tomos pilloli artifiċjali, u flok il-melħ ilma baħar! Tbiegħ ħafna iżjed u tagħmel aktar flus! Isibu min jibla' kollox.

Hemm bżonn li l-ġobon frisk, prodotti oħra ta' l-ikel u manifatturi oħra tradizzjonali jiġu mħarsa mil-liġi, bħama qed isir f'diversi pajjiżi oħra, biex il-produttur ġenwin u l-konsumatur ikunu mħarsa minn dawk li għal flus jagħmlu kollox.

## ... U BIZZILLA

L-istess diskors jista' jingħad għall-industrija tal-bizzilla. Tara nisa xwejħa jobormu ċ-ċombini bil-paċenzja kollha u joħolqu disinni ta' l-għaġeb, biex imbagħad tmur f'ħanut u jbellgħulek biċċa bizzilla maħduma bil-magni bħallikieku kienet xogħol ta' l-id! Miskin int jekk ma tkunx tifhem, għax taħseb li xtrajt xi biċċa bizzilla żul minn hemm. Jekk ma rridux nibqgħu nqarrqu u, fuq kollox, jekk irridu li l-prodotti artiġjanali tagħna ma neqiduhomx, hemm bżonn li nipproteġuhom. F'pajjiżi ftit aktar żviluppati minna, il-prodotti għall-bejgħ jiġu distinti: dawk artiġjanali jkunu mmarkati sewwa biex il-klijent ikun jaf liema hu l-prodott ġenwin u, jekk irid, iħallas tajjeb għalihom biex jakkwistahom.

## INT ĊITTADIN RESIDENZJALI JEW ĊITTADIN TAL-VILLEĠĠJATURA?

Smajt li meta jingħataw il-permessi biex postijiet tad-divertiment ikunu jistgħu jdoqqu mużika fl-apert ma jridx ikollhom bini residenzjali f'radju ta' 500 metru. Imma jekk il-bini jkun tal-villeġġjatura, min imur joqgħod hemm - anke għal sajf sħiħ - ma jiġix ikkalkulat mil-liġi. Jistgħu jtambrulek kemm iridu ħsejjes sal-ħamsa ta' filgħodu (anke bla permess) u ma jħallukx torqod sajf sħiħ, għax lilek il-liġi tqisek ċittadin tal-villeġġjatura. Jiġifieri, bla drittijiet. Nissuġġerilek iżżomm kelb matul is-sena u tirreġistrah fuq dak il-post, biex għas-sajf li ġej tikkwalifika bħala ċittadin residenzjali u jagħtu każ tal-krib tiegħek ukoll... barra dak tal-kelb!

## DOQQ, *FIRE ENGINE*, BIEX FORSI JAGĦMLULEK IL-WISA'!

Ftit taż-żmien ilu nqalgħet emerġenza fix-Xlendi u ssejħu żewġ *fire engines* biex jitfu n-nirien li nqalgħu. Mnalla li kollox ġara qabel is-siegħa ta' filgħodu għax kieku kienu jsibu diffikultà kbira biex jgħaddu mit-triq ta' quddiem il-Grotta minħabba l-karozzi pparkjati ħażin fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

Imma kont insejt: jistgħu jgħaddu mit-triq l-oħra tal-Munxar li tieħu għall-Kantra tax-Xlendi! Xi residenti fix-Xlendi qed jispiċċaw jużaw din it-triq biex jirritornaw id-dar, għax biex tgħaddi mit-triq tax-Xlendi fil-ħinijiet tard bil-lejl (minkejja li l-permessi tad-divertiment jagħlqu fis-sagħtejn ta' filgħodu) tilħaq tgħid għaxar posti rużarju.

## MAĦFRA U RIKONĊILJAZZJONI

Ma nafx jekk hemmx pajjiż bħal tagħna, mingħajr gwerer ċivili u problemi soċjali kbar, li għandu tant nies miġġielda u mifruda minn xulxin, min minħabba wirt, min minħabba statwa, min minħabba trumbetta, min minħabba kulur u elf ħaġa oħra. X'sar biex fis-Sena tal-Ġublew tinbidel xi ftit din il-mentalità, u jissewwew, bil-grazzja ta' Alla, tant firdiet u weġgħat?

Sfortunatament, hemm min aktar jippreferi jiftakar fl-ikrah ta' l-imgħoddi milli jibni l-preżent. Flok sforz kollettiv biex tinbena ħbiberija, infittxu l-vendikazzjoni u naħbuha taħt il-libsa tal-ġustizzja. Min jaf x'ikun għaddej mill-qalb ta' Kristu dak il-ħin?!

"X'ser tieħdu b'dan, u x'ser jiswielek...?" Il-bqija tas-Salm fittxuh intom.




## *ORGAN DONORS*

Kull tant u tant titqajjem il-kwistjoni tad-donaturi ta' l-organi. Mhux biss biex aktar Għawdxin u Maltin jirreġistraw bħala donaturi ta' organi imma, fuq kollox, biex tinbidel ftit il-mentalità tan-nies tagħna li quddiem il-mewt ta' xi qarib tagħhom jibqgħu lura minn dan il-ġest... anke meta dik l-istess persuna li tmut tkun miktuba bħala donatur. Għax il-liġi tagħna tgħid li, minkejja r-rieda tal-persuna li tkun inkitbet bħala donatur, l-istat xorta jrid jitlob il-kunsens tal-familjari biex ikun jista' jieħu l-organi mill-persuna mejta.

Taċ-ċajt. Mela għalfejn inktibt jekk tad-dar jistgħu jdawwru r-rieda tiegħi? Mur għamel hekk bil-wirt! Jekk ma jirnexxilniex nibdlu l-mentalità tagħna, forsi aħjar nibdlu ftit il-leġislazzjoni ta' pajjiżna. Almenu dawk li jkunu għalqu t-tmintax u jkunu miktuba bħala donaturi ma jkollomx bżonn il-permess tal-familjari biex - wara mewthom - iseħħ skond ir-rieda tagħhom.

## IL-KORSA TAŻ-ŻWIEMEL

Kelli bżonn ftit kantuni mhux ħażin biex nibni kamra f'għalqa u ġietni t-tentazzjoni li mmur inħott parti mill-ħajt tal-korsa taż-żwiemel. Tgħid dnub kbir? Għax ħasra tara kollox jaqa' ftit ftit u ħadd ma jagħti każ. Kantun illum u kantun għada forsi titneħħa dik il-kruha... jew tinbena sewwa mill-ġdid. Il-ħitan tas-sejjieħ sewwa nirranġawhom għax, barra mis-sbuħija arkitettonika li fihom, jippreservaw il-ftit ħamrija li fadlilna. Imma l-ħajt tal-korsa mhux inqas importanti mill-ħitan tas-sejjieħ. Kif inhu llum fih spettaklu arkitettoniku mill-aqwa. Hemm tant ħaddiema tal-Gvern imdejqin għax m'għandhomx xogħol, jaħasra!...

Jista' jsir użu aħjar minn dak il-kobor kollu, forsi għal dixxiplini jew manifestrazzjonijiet sportivi oħra?

## SPEJJEŻ GĦAT-TRASPORT BEJN IL-GŻEJJER

Qrajt b'interess intervista li kienet saret maċ-*Chairman* tal-Kumpanija *Magro Bros.* Kien qal li aktar jiġi jiswa *container* minn Għawdex għal Malta milli minn Malta għall-Ingilterra. Interessanti, hux veru!? Kont għadni ma nafx biżżejjed kemm tiswiha flus din in-naqra ta' baħar lill-industrija u l-manifatturi Għawdxin!

## PROĠETTI F'GĦAWDEX: MEXJIN?

Il-pubbliku jista' jkun mgħarraf minn żmien għal żmien f'liema stadju ta' studju waslu jew jekk ġewx imwarrba għal kollox ċerti proġetti li kienu jew huma maħsuba għal Għawdex, bħall-korsa tal-golf, is-servizz ta' ajruplan żgħir, il-*car park*...?

## ĦADDIEMA TAS-SAJF

Matul ix-xhur tas-sajf ħafna studenti jsibu xogħol *part-time* fl-industrija tat-turiżmu. Mhix ħaġa ħażina, sakemm ma jkunx qed isir sfruttament tal-ħaddiema, ħlas inġust, abbuż u ksur tal-liġi. Lilna tinteressana mistoqsija oħra: dawk li jħaddmu ... u dawk li jaħdmu qed jagħtu każ tal-quddiesa tal-Ħadd? Qed jibqa' ħin biżżejjed biex dak li jkun ikun jista' jieħu sehem sewwa flimkien mal-komunità fil-quddiesa tal-Ħadd? Għax aħna smajna b'żgħażagħ li jaħdmu mis-Sibt wara nofsinhar sa tard bil-lejl, u mill-Ħadd filgħodu sa tard filgħaxija. U l-quddiesa tal-Ħadd? "Ma kellix ħin!" Ftit mistrieħ dawn iridu wkoll, mhux hekk!

L-INTERVISTA

# IL-15-IL JUM MONDJALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

## *RUMA 15-20 TA' AWISSU 2000*

DUN EDDIE ZAMMIT JIĠBOR ESPERJENZI TA' XI ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN LI FLIMKIEN MA' SĦABHOM OĦRA ĦADU SEHEM FIL-ĠUBLEW TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ F'RUMA

"Dun, issa wara Ruma mmorru Toronto!"

Bilkemm kienu għadhom kemm irritornaw fil-parroċċa ta' Santa Luċija wara l-quddiesa tal-Papa f'Tor Vergata li ż-żgħażagħ Għawdxin li pparteċipaw għall-Ġublew taż-Żgħażagħ f'Ruma ma tefgħux il-ħarsa u x-xewqa tagħhom fuq il-Jum Mondjali li jmiss, dak ta' sentejn oħra ġewwa l-Kanada.

Esperjenza qawwija li żgur ma tintesiex malajr. Esperjenza ta' ferħ, esperjenza ta' Knisja universali, esperjenza ta' fidi f'Ġesù. Il-grupp ta' żgħażagħ Għawdxin, 60 b'kollox, fosthom erba' saċerdoti, kien fost aktar minn żewġ miljun ta' żgħażagħ kattolċi minn aktar minn 160 pajjiż li ħadu sehem fil-15-il Jum Mondjali taż-Żgħażagħ. Il-bandiera Maltija li tellajna magħna kienet tperper fost eluf ta' bnadar oħra minn kull rokna tad-dinja. Iltqajna ma' żgħażagħ li wħud minnhom għamlu sagrifiċċji kbar biex setgħu jipparteċipaw f'din l-avventura tal-fidi, u juru lid-dinja kollha li anke f'pajjiżi li bilkemm nafu bihom hemm żgħażagħ li bħalna jemmnu fi Kristu, li bħalna jieħdu sehem fil-ħajja tal-Knisja, li bħalna jitolbu u jgħixu l-Ewkaristija u jersqu għall-Qrar.



Il-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ kien mifrux fuq sitt'ijiem. Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet intlaħqu s-Sibt u l-Ħadd, fil-medda ta' Tor Vergata. Aktar minn żewġ miljun żagħżugħ inġabru madwar il-Papa għall-Velja ta' Talb tas-Sibt filgħaxija. Dak il-lejl irqadna barra fis-*sleeping bags*. Il-Ħadd filgħodu ħadna sehem fil-quddiesa solenni mmexxija mill-Papa, imdawwar minn eluf ta' isqfijiet u saċerdoti, quddiesa li għalqet dan il-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ. Fuq il-*big screen* kellna x-xorti naraw lil Ivan Farrugia, żagħżugħ Għawdxi mix-Xewkija, jaqra l-messaġġ konklussiv taż-żgħażagħ quddiem il-Papa. Fraħna u ċapċapna x'ħin rajna lill-Papa jgħannqu miegħu.

Il-belt ta' Ruma u l-Italja kollha baqgħu mistagħhba b'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Kulħadd apprezza li dawn iż-żgħażagħ kellhom xi ħaġa speċjali li ma tantx jinnotawha meta jiltaqgħu żgħażagħ oħra għall-kunċerti jew attivitajiet sportivi: is sens ta' sempliċità, l edukazzjoni ċivika, il-ferħ ġenwin, il-fraternità, is-solidarjetà. Kif tispjega dan kollu jekk mhux għax dawn huma żgħażagħ li jemmnu, li jitolbu, li jersqu għas-Sagramenti, li huma membri fl-Għaqdiet u l-Movimenti tal-Knisja?! Hemm qiegħed is-sigriet tas-suċċess ta' dan l-avveniment straordinarju: għax dawn iż-żgħażagħ jemmnu f'Ġesù u jridu jimxu warajh minkejja d-diffikultajiet tal-ħajja tal-lum.

*Dun Giovanni Curmi*

## Pjazza San Pietru - 15 ta' Awissu - Ftuħ uffiċċjali tal-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ

Il-ħmistax ta' Awwissu iqanqal diversi tipi ta' ħsibijiet fl-imħuħ tal-poplu Malti, speċjalment f'tagħna l-Għawdxin. Għalija u għal sħabi l-oħra li morna Ruma din il-ġurnata kellha tifsira speċjali. Kienet tfisser il-ftuħ ta' l-attivitajiet u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-'Jum Dinji taż-Żgħażagħ'. Ilkoll konna ħerqanin biex infittxu naslu l-Vatikan għal-laqgħa mal-Papa. Għal din il-laqgħa attendew mijiet ta' eluf ta' żgħażagħ minn madwar id-dinja kollha. Kulħadd kien bla nifs, bejn bis-sħana u wisq iżjed minħabba



r-rassa li kien hemm, imma xorta ma kontx tilmaħ uċuħ imdejqa. Kull fejn tħares kont tara ferħ u għajnejn ħerqana biex forsi jilmħu x-xbieħa tal-Papa minn fuq l-*iscreens*. Sa minn fejn Kastell Sant'Anġlu kullimkien kien ippakkjat daqs bajda. Kienet vera ħaġa sabiħa li lkoll kemm aħna konna qegħdin hemmhekk biex nagħtu xi ħaġa minn tagħna (ferħ, paċi, xhieda tal-fidi), u mhux biex nieħdu, bħalma dejjem nagħmlu. Filwaqt illi f'*mass meetings* il-kelliema jridu jinħanqu biex jippruvaw iwasslu l-messaġġ tagħhom, l-Papa rnexxielu jwassal tiegħu b'ħarsa waħda t'għajnejh. Fl-aħħar, ta' min isemmi l-fatt illi hemmhekk kulħadd kien kburi bl-identità tiegħu. Xhieda ta' dan kien l-għajat u l-entużjażmu taż-żgħażagħ kollha hekk kif il-Papa sellem lill-pajjiż rispettiv tagħhom. Kienet esperjenza unika u żgur li din il-ġurnata ser tibqa' f'moħħ kull min kien preżenti.

**Aldo Formosa (San Lawrenz)**

## Stadio della Farnesina - 16 u 17 ta' Awissu - Laqgħat ta' katekeżi u ċelebrazzjoni tal-quddiesa

Fil-jumejn ta' katekeżi, li tmexxew minn isqof Amerikan u ieħor Kanadiż, il-grupp tagħna kien flimkien ma' diversi żgħażagħ mill-Kanada, U.S.A., Ingilterra u diversi pajjiżi oħra ta' lingwa Ingliża. Il-laqgħat, ta' madwar sagħtejn il-waħda, saru fi grawnd ta' l-atletika, ftit il-bogħod mill-iStadio Olimpico ta' Ruma. Konna nintefgħu fuq il-ħaxix aħdar, bil-kappell f'rasna biex ma ninħarqux wisq mix-xemx. Il-laqgħat kienu taħlita sabiħa ta' kant, tagħlim u mumenti ta' riflessjoni. Iż-żewġ isqfijiet tkellmu ħafna mill-esperjenza personali tagħhom. Il-laqgħat kienu jibdew b'daqsxejn ta' ċerimonja fejn rappreżentant minn kull grupp ta' żgħażagħ preżenti kienu jitilgħu flimkien bil-bnadar tal-pajjiż tagħhom akkumpanjati mill-kant ta' "L'Emmanuel", l-innu tal-Ġublew taż-żgħażagħ. Għall-quddiesa, li kienet issir fi tmiem il-katekeżi, konna nintefgħu għad-dell tas-siġar li jdawwru dan il-grawnd biex intaffu ftit mis-sħana tax-xemx. Wara l-quddiesa konna mmorru sitta sitta biex nieħdu l-ikel ippreparat għaż-żgħażagħ kollha. Kien mument sabiħ li fih kellimna żgħażagħ minn pajjiżi oħra u stajna nibdlu *badges* u oġġetti oħra b'tifkira ta' dawn il-laqgħat sbieħ.

**Angelo Camilleri (Nadur)**

## Bażilka ta' San Pietru - 18 ta' Awissu - Pellegrinaġġ mill-Porta Santa għal fuq il-Qabar ta' San Pietru

Il-Ġimgħa filgħodu qomna kmieni u fis-6.30am konna ħdejn il-Kastell ta' Sant'Anġlu ma' mijet ta' żgħażagħ oħra biex nagħmlu l-pellegrinaġġ għal fuq il-Qabar ta' San Pietru u ngħaddu mill-Porta Santa. Kulħadd kellu f'idejh ktejjeb bil-qari u l-kant biex ikun jista' jieħu sehem aħjar. Kienet tinħass atmosfera ta' trankwillità fost dawk preżenti, li kompliet tissaħħaħ mill-fatt li din il-mixja saret fi spirtu ta' ġabra u silenzju. Il-pellegrinaġġ kien maqsum f'erbatax-il waqfa, li fihom saru meditazzjonijiet fuq il-Beatitudnijiet u fuq il-ħajja ta' San Pietru. Il-meditazzjoni u l-qari spiritwali kienu ta' għajnuna biex nirriflettu fuq kif aħna ż-żgħażagħ tas-sena elfejn nistgħu ngħixu l-fidi fil-ħajja tagħna. Bejn waqfa u oħra konna nkantaw innijiet flimkien.

Kif wasalna quddiem il-bażilka ta' San Pietru qrajna flimkien talba mħejjija mill-Papa li kienet tippreżenta lil Kristu bħala l-Bieb tal-ħajja. Kienet stedina biex waqt li ngħaddu mill-Porta Santa nħossu li Kristu qed isejħilna biex nidħlu aktar fil-ħajja tiegħu, u fl-istess waqt biex nifitħulu l-bieb ta' qalbna u nħalluh jidħol u jaħdem fil-ħajja tagħna. Wara li għidna t-talba ta' San Franġisk, dħalna fil-bażilka u, waqt li rsaqna lejn il-qabar ta' San Pietru, għamilna t-tiġdid tal-fidi tagħna u tlabna għall-Papa u għall-Knisja kollha. Fl-aħħar, fi spirtu ta' għaqda bejnietna u f'għaqda mal-Knisja Universali (li dak il-ħin ħassejna li nagħmlu parti minnha b'mod iktar sħiħ), tlabna flimkien il-Missierna u spiċċajna b'tifħir lill-Madonna, biex inkunu nistgħu nirbħu wkoll l-Indulġenza Plenarja. Imbagħad, wara li ammirajna ftit l-arti stupenda li hemm f'din il-bażilka, ġbidna xi erba' ritratti ta' tifkira.

**Rita Buttigieg (Victoria)**



## Pjazza Venezia-Kolossew - 18 ta' Awissu - Il-Via Crucis

Il-Ġimgħa filgħaxija kien imiss li nieħdu sehem fil-Via Crucis li kienet tibda mit-taraġ tal-Knisja magħrufa bħala *S. Maria in Ara Coeli* u tispiċċa quddiem il-Kolossew. Hekk kif bdda jidlam bdiet il-purċissjoni bis-slaleb, palm u xemgħat li mxew quddiem kulħadd, wara s-Salib tal-Fidwa. Il-grupp tagħna, fost mijiet ta' eluf ta' żgħażagħ bħalna, bdejna mexjin wara s-Salib, bil-ktieb tat-talb miftuf f'idejna biex insegwu t-talb u l-kant li kien qiegħed jingħad. Matul it-triq ġejna mogħtija wkoll *flambeau* u hekk, id f'id blex ma nintilfux ġo dawk iż-żgħażagħ kollha, tlabna u kantajna flimkien. Għalkemm kien id-dlam, nista' ngħid li qalb ħadd ma kienet imdallma, u raġġi qawwija ta' dawl kienu ħerġin minn għajnejn kulħadd bil-ferħ. Kien hemm ġabra kbira li mingħajr ma trid kienet iġġagħlek tinġabar u titlob. Jekk toqgħod taħseb ftit, dawn iż-żgħażagħ li ħadu sehem fil-Via Crucis huma żgħażagħ li bħalhom f'Malta u Għawdex kemm kemm ma jgħadduhomx biż-żmien. Le, mhux veru, Kristu jinsab fost iż-żgħażagħ ukoll, u l-Via Crucis kienet mument li jixhed dan. Għalija, din kienet esperjenza spiritwali qawwija ħafna, li ġġegħlek tagħraf li mingħajr Alla f'ħajtek inti m'inti xejn.

**Angelique Cremona (Xagħra)**

## Tor Vergata - 20 ta' Awissu - Il-quddiesa mal-Papa

Matul dan il-Ġublew taż-Żgħażagħ kellna diversi laqgħat ta' talb u katekeżi. Imma l-quddiesa li mexxa l-Papa l-Ħadd filgħodu kmieni f'Tor Vergata ma ninsiha qatt. Ma kenitx il-quddiesa tal-Papa biss, imma wkoll tagħna ż-żgħażagħ kollha li ngbarna hemm minn madwar id-dinja kollha. Biex wasalna hemm kellna nagħmlu ftit sagrifiċċju mhux ħażin, għax ridna nimxu madwar għaxar kilometri taħt xemx tiżreġ u mgħobbijin bis-*sleeping bag* u bil-kaxxi ta' l-ikel li tawna.



Meta tara dawk iż-żgħażagħ kollha - aktar minn żewġ miljuni! - miġbura madwar il-Papa, jiġik naturali li tistaqsi: għalfejn tant żgħażagħ, minn tant u tant pajjiżi, kienu lesti jagħmlu dawk is-sagrifiċċji kollha biex huma wkoll ikunu preżenti hemmhekk madwar il-Papa? Għal min ma jemminx hi ħaġa li ma tantx tinftiehem, imma għalina, li naraw l-affarijiet bl-għajnejn tal-fidi, il-Papa huwa r-rapreżentant ta' Kristu fid-dinja u l-mexxej tal-Knisja. Kien proprju għalhekk li aħna ż-żgħażagħ ngbarna Ruma: ma morniex biss biex naraw u niltaqgħu mal-Papa, imma fuq kollox biex niltaqgħu ma' Kristu. Kollox kien sabiħ f'dawk il-mumenti: il-kant, l-għajat u ċ-ċapċip tagħna, id-diskors tal-Papa. Ħassejna ruħna tabilħaqq aħwa fi Kristu, Knisja waħda. U għalkemm il-quddiesa damet ferm aktar minn dik li s-soltu nieħu sehem fiha, ħadd ma nduna kif għadda l-ħin, anke jekk konna f'xemx taqli l-klieb.

Issa li ġejt lura nista' ngħid li kienet esperjenza li ma ninsiha qatt. Imma fuq kollox kienet esperjenza ta' fidi. Jalla din l-esperjenza timlini b'aktar kuraġġ spiritwali biex fil-ħajja tiegħi nipprattika b'aktar konvizjoni dak li nemmen.

***Tania Farrugia (Xewkija)***

## Tor Vergata - Il-messaġġ tal-Papa liż-żgħażagħ kattoliċi tad-dinja

Meta Ġesù ħabbar lid-dixxipli tiegħu li kellhom jieklu l-Ġisem tiegħu stess, jiġifieri l-Ewkaristija, ħafna kienu dawk li ma emmnuhx u telquh. Imbagħad Ġesù dar fuq l-appostli u qalilhom: "Tridux tmorru intom ukoll?" U qabeż Pietru u qallu: "Għand min tridna mmorru?" Personalment bqajt impressjonat meta l-Papa rrepeta din il-mistoqsija għal diversi drabi matul l-omelija tiegħu tal-quddiesa, tant li baqgħet immarkata ġewwa fija. Mistoqsija bħal din, li m'għandha bżonn ebda tweġiba, tgħinni ħafna f'mumenti fejn inħoss in-nuqqas tal-preżenza ta' Alla, fejn il-fidi ssir l-unika virtù li żżommni miexi wara Kristu. Infatti, il-Papa, meta tkellem fuq il-vokazzjonijiet, qalilna biex ma nħallux id-dubji jfixkluna. Nirringrazzja lill-Papa li sawwab fija fiduċja kbira fi Kristu.

***Matthew Borg (Victoria)***

## Il-Ġublew għamilna ħbieb



Il-mawra tagħna Ruma, barra l-aspett spiritwali, kellha l-lat soċjali. Tlaqna minn Għawdex fi gruppi żgħar, kulħadd mal-ħbieb tiegħu. Madanakollu, mill-ewwel bdejna nsiru nafu aktar lil xulxin. Kull attività li kellna konna mmorru ma' xulxin. Anke filgħaxija, x'ħin noħorġu, konna nieħdu l-kitarra magħna u erħilna nkantaw u nidħku flimkien. Naħseb li l-fatt li ltqajna ma' ħafna żgħażagħ minn pajjiżi differenti għinna biex inkunu magħqudin aktar bħala grupp, anke bħala rappreżentanti tad-djoċesi ta' Għawdex. Matul il-ġimgħa li domna Ruma sirna qisna aħwa. Kien diffiċli għalina li ninfirdu, imma ppjanajna li nibqgħu f'kuntatt ma' xulxin u norganizzaw attivitajiet li jgħinuna nżommu sħiħa l-ħbiberija li nibtet bejnietna.

*Marlene Cauchi (Għarb)*

## Is-7 Forum Internazzjonali taż-Żgħażagħ (Ruma -12-15 t'Awissu)

Għal dan il-Forum, li sar bi tħejjija għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, kienu mistiedna żewġ rappreżentanti minn kull Konferenza Episkopali mid-dinja kollha. Iż-żgħażagħ li pparteċipaw, madwar 400, kienu kollha taħt il-25 sena, u lkoll impenjanti fil-pastorali maż-żgħażagħ. Jien u tfajla Maltija konna nirrapreżentaw lill-Konferenza Episkopali Maltija. It-tema tal-Forum kienet "Nimxu fuq il-Passi ta' Kristu". Kellna diversi konferenzi, qsim ta' esperjenzi, diskussjoni, *workshops* u mumenti ta' talb. Fi tmiem il-Forum, jien u erba' żgħażagħ oħra ġbarna dak kollu li ħareġ mid-diskussjonijiet u sawwarna messaġġ liż-żgħażagħ kollha tad-dinja. Dan il-messaġġ inqara quddiem il-Papa fi tmiem il-quddiesa ta' Tor Vergata.Wara li ntemm il-Forum, il-grupp kollu tagħna pparteċipa fl-attivitajiet l-oħra tal-Ġublew taż-Żgħażagħ.

Barra dawn, kellna diversi attivitajiet oħra li ġew organizzati apposta għalina, fosthom quddiesa mal-Papa f'Castelgandolfo. Matul il-Via Crucis li saret fiċ-ċentru ta' Ruma qrib il-Kolossew, nhar il-Ġimgħa 18 t'Awissu, aħna rfajna slaleb u frieghi tal-palm matul din il-mixja ta' talb. Fiż-żewġ attivitajiet li saru Tor Vergata, il-Velja u l-Quddiesa, aħna konna fuq il-palk tal-Papa, u hekk segwejna ħafna mill-qrib iċ-ċelebrazzjonijiet kollha li saru f'dawk il-jumejn.

Għalija, din l-esperjenza kienet waħda unika. Kelli x-xorti niltaqa' ma' tant żgħażagħ ġejjin minn kulturi u esperjenzi differenti, xi wħud iebsa. Kellna żgħażagħ minn pajjiżi fejn li tgħid li int nisrani jfisser tkun ikkunsidrat bħala ċittadin ta' grad inferjuri. Żagħżugħ minn Israel kien ġej minn familja li l-membri tagħha jħaddnu diversi reliġjonijiet. Iltqajt ma' żgħażagħ li l-pajjiżi tagħhom qegħdin fi gwerra ma' xulxin. Kienet esperjenza sabiħa tarahom jifirħu flimkienu u jxejru l-bnadar ta' pajjiżhom waħda fejn l-oħra. Fi tmiem ta' ċelebrazzjoni penitenzjali, miġbura madwar is-Salib tal-Fidwa, rappreżentant minn kull pajjiż talab skuża f'isem pajjiżu lil dawk il-pajjiżi li ġew offiżi minnhom. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Unitati talbu skuża f'isem pajjiżhom. Tfajla Albaniża talbet skuża lill-Italja tal-kuntrabandu u tal-prostituzzjoni li diversi Albaniżi jxerrdu fl-Italja.



Il-15-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ mela l-belt ta' Ruma biż-żgħażagħ kattolċi, żgħażagħ ferħanin, ikantaw, jitolbu, u jitgħaxxqu bis-sbuħija tal-Belt Eterna. L-imġieba sabiħa ta' aktar minn 2 miljun żgħażagħ miġbura flimkien weħidha saret xhieda ta' fidi. Il-qawwa tal-Papa kienet tgħaġġbek. Raġel xwejjaġ li jidher marid u fraġli, imbagħad tarah mimli b'dik l-enerġija kollha. Veru Papa żagħżuġħ! Il-Papa kien ferħan u kompla magħna fiċ-ċapċip, bit-tixjir ta' jdejh u bil-kant. Waqt li aħna konna nkantaw "John Paul II, we love you", hu kompla magħna billi kanta "John Paul II, he loves you".

Esperjenza bħal din timliek b'ħafna kuraġġ u tama. Dawn iż-żgħażagħ kollha huma żerriegħa ta' Knisja ħajja u dinja ġdida. Wieħed mill-kelliema tal-Forum qal: "din hi esperjenza ta' Knisja mingħajr fruntieri"=. Tassew: konna mijiet ta' eluf ta' żgħażagħ minn tant pajjiżi, kulturi u kuluri differenti, imma flimkien ħassejna biss li konna żgħażagħ insara. Kif semmejna fil-messaġġ tagħna fi tmiem il-quddiesa ta' Tor Vergata, Kristu hu l-unika tweġiba għad-diffikultajiet tagħna ż-żgħażagħ u tal-bnedmin kollha, Kristu tal-bieraħ, tal-lum u ta' dejjem.

*Ivan Farrugia (Xewkija)*

# IL-PAPA liż-żgħażagħ tad-Dinja

Riflessjonijiet minn A.C.M.

Għeżież Żgħażagħ...

***X'ġejtu tfittxu ?***

jew aħjar

***Lil min ġejtu tfittxu ?***

Tweġiba waħda hemm...

***Ġejtu tfittxu lil Ġesù Kristu.***

**Iżda Ġesù Kristu ġie l-ewwel Hu biex ifittex lilkom.**

Ara li ma tmorrux taħsbu li Kristu ma jafkomx...

...kull wieħed minnkom hu prezzjuż għal Kristu

...Hu jaf lil kull wieħed personalment

...Hu jħobbkom b'għożża kbira, anke meta intom ftit tatu kas.

*Diskors ta' Merħba - Pjazza San Pietru 15 t'Awissu 2000*

Għeżież Żgħażagħ tal-Millennju l-Ġdid...

***La tiddubitawx mill-imħabba ta' Alla lejkom***

**Hu għandu post speċjali GĦALIKOM f'qalbu.**

**Hu għandu missjoni speċjali GĦALIKOM fid-dinja.**

***La tibżgħux terfgħu r-responsabiltà tagħkom...***

**IL-KNISJA GĦANDHA BŻONNKOM**

Għanda bżonn l-impenn u l-ġenerożità tagħkom.

**IL-PAPA GĦANDU BŻONNKOM**

Fil-bidu ta' dan il-millennju qed jitlobkom tieħdu l-Vanġelu fit-toroq tad-dinja.

***Ħobbu lil Kristu! Ħobbu lill-Knisja!***

**Ħobbu lil Kristu** kif iħobbkom Hu.

**Ħobbu lill-Knisja** kif iħobbha Kristu.

*Il-Papa liż-żgħażagħ li pparteċipaw fil-Forum Internazzjonali - Castel Gandolfo, 17 t'Awissu 2000*



Għeżież Żgħażagħ tas-seklu li għadu qed jibda:

**Tibżgħux tingħataw kollkom kemm intom lil Kristu!**

***Hu* jiggwidakom!**

***Hu* jagħtikom il-*q*awwa *b*iex timxu warajh *k*uljum u f'*k*ull sitwazzjoni!**



Jien inselmilkom,
Żgħażagħ tad-dinja
***FERĦ U KURUNA TIEGĦI***

**Irrid ngħidilkom "Saħħa"**
*sakemm nerġgħu niltaqgħu darb'oħra.*

Il-pellegrinaġġ tagħkom fuq il-passi ta' Ġesù għandu jissokta kull fejn tmorru.

**Hudu magħkom il-kliem ta' Ġesù. U xerrduhom ma' kullimkien. Alla jkun magħkom.**

**Intom il-*q*al*b* żagħżugħa tal-Knisja. *M*orru fid-dinja *k*oll*h*a u *ġib*u l-*paċi*. Kristu *h*u ħaj. *H*u ja*kk*um*p*anja*k*om. Kunu *xh*ieda tiegħu ma' sħa*bk*om fil-*b*idu ta' dan il-millenju *ġ*did.**

*Waqt l-Angelus - Tor Vergata*
*20 t'Awissu 2000*

## Ir-*R*igal tal-Papa

Il-lejla ser nagħtikom il-Vanġelu. Dan hu r-rigal li l-Papa ser jagħtikom.

Il-kelma li fih hi l-Kelma ta' Kristu.

**Jekk tisimgħu**
- fis-**SKIET**
- fit-**TALB**
- u **TFITTXU** minn ifissirielkom

**allura intom**
- **TILTAQGĦU** ma' Kristu
- **TIMXU** warajh
- u **TAGĦTU ĦAJJITKOM** għalih, ġurnata b'ġurnata.

*Velja - Tor Vergata*
*19 t'Awissu 2000*



*Quddiesa fi tmiem il-Ġublew taż-Żgħażagħ*
*Tor Vergata - 20 t'Awissu 2000*

Ħbieb Għeżież ...

**Meta tmorru lura lejn darkom**
- **POĠĠU l-Ewkaristija fiċ-ċentru tal-ħajja personali u komunitarja tagħkom.**
- **ĦOBBU l-Ewkaristija**
- **ADURAW l-Ewkaristija**
- **IĊĊELEBRAW l-Ewkaristija** speċjalment nhar ta' Ħadd, Jum il-Mulej.
- **GĦIXU l-Ewkaristija** billi tagħtu xhieda ta' l-imħabba ta' Alla għal kull wieħed.

**Meta tmorru lura lejn darkom**

**Tibirdux! Qawwu u Saħħu** *r-rabta tagħkom mal-komunità nisranija.*

Il-Papa isegwikom b'imħabba. U jfakkarkom fil-kliem ta' Santa Katerina ta' Siena :

**"Jekk intom tkunu dak li suppost tkunu, intom tagħmlu mid-dinja ħuġġieġa waħda (bin-nar ta' l-imħabba)."**

# Il-Beatu Papa Piju IX

## Benefattur Kbir tad-Djoċesi ta' Għawdex

Mons. Arċidjaknu Giovanni B. Gauci - Vigarju Ġenerali

Fit-3 ta' Settembru li għadda, fost il-Beati l-ġodda ġie magħdud ukoll il-Papa Piju IX. Kif kiteb Mons. Isqof Nikol Cauchi f'ittra li nqrat fil-knejjes kollha tad-Djoċesi tagħna, din il-beatifikazzjoni hija ġrajja ta' ferħ partikolari għalina l-Għawdxin minħabba r-rabta speċjali li teżisti bejn dan il-Papa u l-gżira t'Għawdex. Kien il-Papa Piju IX li fis-sena 1864 waqqaf id-Djoċesi t'Għawdex.



L-Għawdxin kien ilhom iħossu l-bżonn ta' djoċesi, jiġifieri li jkollhom Isqof tagħhom li jgħix magħhom, u hekk ikunu moqdijin ferm il-ħtiġijiet spiritwali tagħhom. L-ewwel talba għat-twaqqif ta' djoċesi t'Għawdex kienet saret fis-sena 1798, fi żmien il-Papa Piju VI. Minħabba t-taħwid u t-taqlib provokat mill-gwerer ta' Napuljun, din it-talba tal-Għawdxin ma tantx kienet possibbli li tiġi milqugħa. F'Diċembru tas-sena 1863, tressqet it-tieni talba minn Għawdex, fi żmien il-Papa Girgor XVI. Anqas din id-darba ma kien hemm suċċess u dan minħabba diversi fatturi ta' tfixkil, speċjalment dak ġej mill-opposiżżjoni minn Malta, u minħabba sitwazzjoni ta' tilwim bejn is-Segretarju Ingliż għall-Kolonji u s-Segretarju għall-Istat tal-Papa.

L-Għawdxin ħallew jgħaddu ħmistax-il sena sakemm ressqu t-tielet talba għat-twaqqif tad-Djoċesi u din id-darba ddeċidew li jmorru huma stess fuq ras il-għajn. Difatti, fid-9 ta' Ġunju tal-1855, delegazzjoni ta' persuni minn Għawdex, fosthom żewġ kanoniċi tal-Kolleġġjata tal-Matriċi tal-Gżira u Dun Pietru Pace, kellhom udjenza privata mal-Papa Piju IX.

Piju IX laqa' għandu lid-delegazzjoni minn Għawdex "b'dik l-imħabba naturali tiegħu u b'għożża ta' missier" u verbalment, sa minn dak in-nhar stess, aċċetta wkoll it-talba tagħhom. Wieħed ma jridx jinsa li f'dak iż-żmien il-Papa kien iffaċċjat mis-sitwazzjoni u l-problemi gravissimi tar-"Risorgimento": mandankollu Piju IX ta bis-serjetà l-attenzjoni tiegħu għat-talba tal-Għawdxin u meta urihom kemm tassew ried jgħinhom huwa xeħet raġġ ta' tama għal soluzzjoni ta' problema li kienet ilha tkarkar diġà seba' u ħamsin sena.

Kif jgħid il-Professur Dr. Joseph Bezzina, ir-rappreżentant mhux uffiċċjali tal-Gvern Ingliż għand il-Papa, Odo Russell, jiddeskrivi lil Piju IX bħala bniedem ta' qalb l-aktar twajba, b'moħħ ċar u karattru sod... persuna li taf xi trid. U din id-deskrizzjoni tal-Ministru Ingliż,midħla sewwa tal-Papa Piju IX , tivverifika ruħha fil-każ tad-djoċesi ta' Għawdex. Għax mill-mument li Piju IX sar jaf bis-sitwazzjoni li kienu fiha l-Għawdxin, bit-tbatijiet tagħhom, hu wiegħed li jgħinhom, u tabilħaqq kompla l-wegħda tiegħu.

It-twaqqif ta' djoċesi, anke f'dawk iż-żminijiet, kien jinvolvi s-sehem ta' diversi kongregazzjonijiet tal-Kurja Papali. Dan ifisser li l-proċedura kienet neċessarjament waħda twila. U barra mit-tul tal-proċedura, l-Għawdxin kellhom iħabbtu wiċċhom ma' tant diffikultajiet oħra li nqalgħu biex ifixklu t-twaqqif tad-djoċesi tagħhom. Però, jekk kien hemm mewġa kbir ta' tfixkil, ma naqsux ukoll dawk li ħadmu u taw l-għajnuna tagħhom għas-suċċess tal-kawża Għawdxija. U fost dawk li jistħoqilhom il-gratitudini tagħna, quddiem nett aħna npoġġu lil-Beatu Piju IX. Ta' kull darba li t-talba għad-djoċesi tieqaf, hekk kif Piju IX kien infurmat b'dan, kien jindaħal hu stess sabiex iwitti d-diffikultajiet u jara li x-xewqat gusti tal-Għawdxin jiġu sodisfatti.

Kien minħabba l-premura persunali li Piju IX wera favur it-talba tal-Għawdxin li din setgħet tiġi mitmuma. Piju IX żamm kelmtu skond ma kien wiegħed lill-Għawdxin fl-ewwel udjenza li



Fl-1864 (il-Beatu) Piju IX ħatar il-Matriċi ta' Għawdex biex tkun il-Katidral tad-Djoċesi l-ġdida.

kellu magħhom. Fis-sena 1863, Piju IX ħatar lill-Arċipriet Buttiġieġ (Ragħaj spiritwali taż-żewġ Parroċċi tar-Rabat) bħala Isqof Awżiljarju ta' l-Isqof ta' Malta: Buttiġieg kellu l-ordni li joqgħod fil-gżira ta' Għawdex.

Mandankollu, bil-ħatra ta' l-Isqof Awżiljarju, il-kundizzjonmi spiritwali għall-gżira ta' Ghawdex ftit li xejn tjiebet. L-Isqof Awżiljarju kien jddependi, f'ċerti setturi, mill-Vigarju Ġenerali li kien jgħix Malta. Anzi, anke l-istess Pro-Vigarju residenti f'Għawdex jidher li kellu fakultajiet aktar mill-Isqof Awżiljari. U din is-sitwazzjoni anomala, bil-limitazzjonijiet ta' l-Isqof Awżiljari, saret magħrufa mill-Papa. Ftit aktar minn sena wara l-ħatra tiegħu bħala Awżiljari, l-Isqof Buttieġieġ ġie maħtur Isqof tad-Djoċesi l-ġdida. Kien is-16 ta' Settembru 1864 meta bil-Bulla "Singulari Amore" twaqqfet id-Djoċesi tagħna. U meta niflu kemm interess wera l-Papa Piju IX fit-twaqqif ta' din id-Djoċesi żghira,tassew naraw kemm huma f'posthom u kemm għandhom tifsira preċisa l-ewwel kelmiet tal-Bulla Pontifiċja: SINGULARI AMORE... B'IMĦABBA PARTIKULARI!

Lill-Beatu -ġdid, il-Papa Piju IX, nitolbuh biex b'imħabba partikulari (singulari amore) ikompli jħares il-gżira tagħna,

(N.B. Infisser ir-ringrazzjament tiegħi lir-Rev. Dr. Joe Bezzina li ppermettili nuża l-ktejjeb tiegħu "Religion and Politics in a Crown Colony", Bugelli Publications, Valletta, 1985. Dan huwa xogħol mill-aqwa, dokumentat b'mod eċċezzjonali li jittratta b'mod l-aktar profond it-twaqqif tad-Djoċesi t'Għawdex)

The Unique Choice

Unipol

Insurance Agency Ltd

FOR ALL YOUR INSURANCE REQUIREMENTS

Gozo Office : 2S2, Tigrija Palazz, Republic Street, Victoria Tel: 558001 Fax: 558010

Head Office : 57 Market Street, Floriana VLT 15 Tel: 23 63 63 Fax: 241954

# Il-Kelma fil-Bibbja

Mons. Lawrenz Sciberras



"Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla." (Mt 4,4)

Din it-tweġiba taha Ġesù lix-xitan f'mument meta l-fiżiku tiegħu kien fjakk u għajjien ħafna: Ġesù kien bil-ġuħ, kif insibu fil-Vanġelu, "fl-aħħar tas-sawm ħadu l-ġuħ". Hawnhekk jidher kemm Ġes` mhux biss ma ċediex għat-tentazzjoni li kienet immirata direttament lejn dak li kien l-aktar fil-bżonn, il-ġisem tiegħu, imma wera li¨, barra l-fiżiku, hemm xi ħaġa oħra fil-bniedem, u li din ukoll teħtieġ li tiġi mitmuha. U l-ikel li jgħajjex ma huwa xejn għajr il-kelma t'Alla, kif wieġeb Ġesù: "Il-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla".

## Il-messaġġ divin

It-tagħlim li Alla għoġbu jwassal lill-bnedmin qiegħed miġbur fi kliem. Dan illum jifforma l-Ktieb spirat, il-Bibbja.

Nifhmu sewwa l-Bibbja meta fil-kelma tagħha nagħrfu tassew dak, u **dak biss, li Alla fehem jgħallimna biha**. Alla ma taniex il-Bibbja biex ma nifhmuhiex, iżda biex nifhmuha u nifhmuha kif iridna hu. Għalhekk huwa tahielna fi kliem bnedmin bħalna. Mela meta naslu biex nifhmu x'fehmu l-bnedmin li bihom Alla nqeda biex wasslilna l-kelma tiegħu, naslu biex nifhmuha skond il-fehma ta' Alla.

Hekk il-Griżostmu jgħidilna: Kull wieħed minna għandu bżonn jifhem li Alla kellimna bi lsien il-profeti. U San Girgor il-Kbir: Ejja ħa tagħraf il-qalb t'Alla mill-kliem t'Alla – *Disce cor Dei in verbis Dei.*

Fil-Bibbja hemm **tliet livelli ta' kliem** u, ngħiduha mill-ewwel, l-awturi sagri għamlu użu sħiħ minnhom. Dawn il-livelli huma: kliem komuni, kliem tekniku u kliem letterarju.

## Kliem Komuni

Il-kliem komuni huwa l-pedament tal-bqija tal-kliem kollu li jdomm il-Bibbja. Dan huwa lingwaġġ li bih wieħed jesprimi l-ħsibijiet l-aktar sempliċi u komuni tiegħu. Hawn tidher il-**komunikazzjoni bejn bniedem u ieħor mingħajr ebda diffikultà**.

Il-għana ta' dan il-kliem qiegħed fil-kapaċità li wieħed jikkomunika ma ħabib mingħajr ebda tbatija. Il-kliem komuni huwa l-ilsien użat fil-ħajja normali ta' kuljum: fil-qasam tal-bejgħ, xiri, vjaġġi, id-dar, fuq ix-xogħol, eċċ.

Issa dan l-ewwel livell ta' kliem, u li sejjaħnielu komuni, jeżisti fil-Bibbja? Iwieġeb San Ġirolmu: Fl-Ittra lir-Rumani u speċjalment lill-Korintin hemm ħafna ħwejjeġ li nkitbu bi stil sempliċi u komuni għall-ħajja ta' kuljum – *Remissuis et quotidiano pene sermone dictata.* Meta S. Ġirolmu juża l-espressjoni komuni *(remissuis),* huwa fehem dak l-istil sempliċi li jinftiehem mingħajr ebda tifsir.

Ma' dan il-ħsieb jaqbel ukoll il-Papa Ljun XIII li, biex jiddefendi l-*inerranza* tal-Bibbja, qal: Huma, jiġifieri l-*aġġografi*, ma ppruvawx jidħlu fil-misteri tan-natura, imma pjuttost iddeskrivew u tkellmu dwar ħwejjeġ li ftit jew wisq kienu jafuhom. Huma għamlu dan bi kliem figurattiv u fi **kliem li kien komuni ħafna għal dak iż-żmien** – *Hodieque de multis fert rebus in quotidiana vita, ipsos inter hominess scientissimos.*

Għalhekk, dan l-ewwel livell, li aħna sejjaħnielu komuni, hu frekwenti fil-Bibbja. Għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, din kienet il-lingwa ordinarja ta' l-aġġografija. L-ispirazzjoni ħadmet qabel xejn fuq din il-ħażna ta' kliem.

## Kliem Tekniku

Meta ħaddiem ta' l-id (*homo faber*) jiżviluppa xi teknika ġdida, jew meta ħassieb (*homo sapiens*) joħroġ b'xi teorija ġdida, dan immedjatament jgħammidha b'xi kelma teknika. Il-bniedem primittiv, li mal-mixja taż-żmien, sar sid ta' xi sengħa, ħareġ bi kliem tekniku u terminoloġija preċiża. Hekk seta jiftiehem aħjar.

Il-kliem tekniku jevolvi mill-kliem komuni billi jitbiegħed xi ftit mit-tifsira ewlenija li kellu fil-bidu. Fil-kliem tekniku jista' jkun hemm ukoll **kunċetti astratti**. Huwa jitbiegħed xi ftit minn dak kollu li huwa personali u suġġettiv, sabiex imbagħad jasal għall-oġġettività sħiħa tiegħu.

Fil-lingwaġġ tekniku kull kelma hija importanti. It-termini għandhom ikunu fissi fit-tifsira sħiħa tagħhom u daqstant ieħor preċiżi u eżatti fl-użu tagħhom. Il-formoli għandhom ikunu eżatti, altrimenti wieħed ma jesprimix l-idea

b'mod ċar u preċiż.

Fil-Kotba Mqaddsa hemm jew ma hemmx din il-kwalità ta' lingwaġġ? Jew, meta l-kittieb kien ispirat, dan kien jew ma kienx jagħmel użu mill-kliem tekniku li diġà kien jaf bih? Barra minn hekk, il-kliem tekniku reliġjuż kellu xi żvilupp? **It-tweġiba hija fil-pożittiv**. F'dawk il-partijiet tal-Bibbja li jitkellmu minn liġijiet hemm ħafna kliem tekniku, u bosta drabi dan il-kliem ġie misluf minn kulturi tal-qrib. Ukoll dawk il-liġijiet li jitkellmu minn ċerimonji tal-kult, dawn fihom ukoll kliem tekniku.

Nieħdu bħala żempju l-Ktieb tad-Dewteronomju. Dan għandu kliem speċjali u tekniku biex ifisser il-liġi u l-preċetti marbutin magħha: *huqqim, mishpatim, miswot, bebarim, edot, tora, dibre hattora*. Kull waħda minn dawn is-seba' kelmiet għandha tifsira teknika għaliha u ġġorr magħha ċertu piż.

Meta il-kliem tekniku hu wżat waħdu ikollu tifsira waħda u ċara; meta din l-istess kelma tiġi wżata f'relezzjoni ma' kelma oħra tieħu tifsira kollha kemm hi differenti. Hekk il-kelma *am*, tfisser sempliċi poplu; però, meta wżata ma' *goyyim*, il-kelma *am* tiġi tfisser il-poplu Lhudi.

Fit-T.Ġ., imbagħad, hemm numru akbar ta' kliem tekniku, u dan speċjalment f'ċertu kliem teoloġiku wżat minn S. Pawl.



Minn dan jidher li analisi ta' kliem tekniku huwa importanti ħafna għal istudju ta' l-*ermenewtika*, jew inkella dik ix-xjenza ta' l-interpretazzjoni. Billi huwa l-istess Spirtu li dawwal u ċaqlaq l-aġġografi ta' żminijiet differenti, dan il-proċess fil-kliem tekniku irċieva qawwa ġdida. Il-kelma teknika spirata saret il-mezz li permezz tagħha wasal lilna it-tagħlim hekk profond li jibqa' għal dejjem.

## Kliem Letterarju

Il-lingwa letterarja għandha iva l-għeruq tagħha fil-lingwa komuni, imma tgħolliha u tagħtiha qawwa ġdida. Rarament fil-lingwa mitħaddta (komuni) wieħed jasal biex jesprimi dik il-qawwa u l-għana li hemm fil-kliem letterarju. Bniedem letterarju, meta jigi biex jesprimi lilu nnifsu **jieħu vantaġġ minn kull espressjoni possibbli fil-lingwa**.

Fl-ilsien letterarju il-kliem u kif isibu posthom fis-sentenza, dan huwa proċess assolut; għalhekk wieħed għandu jfittex biex imbagħad juża dik il-kelma preċiża għal dik l-okkażjoni partikulari.

Fil-lingwaġġ letterarju, il-kliem jilgħab parti importanti; hemm il-ħoss, l-aċċent u r-resonanza. Huwa kollu għalhekk li l-poeżija mhux faċli li tiġi tradotta, u xi drabi dan assolutament ma jistax isir. Għaliex fil-poeżija hemm is-simboliżmu, l-immaginazzjoni, l-aċċent, is-sillabi u l-ħoss tal-kliem.

Issa, fil-Bibbja hemm lingwaġġ letterarju? Il-parti l-kbira tat-T.Q. u diversi partijiet tat-T.Ġ. għandhom dan il-livell ta' kliem. Meta l-aġġografi ġew imnebbħin, l-ispirazzjoni sfruttat ukoll il-kliem letterarju li kienu diġà jippossiedu. L-Iskrittura, għalhekk, hija realtà letterarja. L-għejun tagħha huma ħafna, u fiha hemm milja ta' kontenut. Għalhekk, ladarba l-kliem tal-Bibbja huwa wieħed letterarju, hija titlob mill-individwu interprezzjoni letterarja. Minn hawn ukoll tidher l-ħtieġa ta' l-ilsna oriġinali tal-Bibbja.

Peress li l-kliem tal-Bibbja huwa wkoll wieħed letterarju u mhux kliem komuni biss, jeħtieġ li nżommu quddiemna dawn il-punti biex nifhmu aħjar l-Iskrittura:

1. il-kliem tal-Bibbja qatt ma jista jsir irħis biex ikun popolari. Il-bniedem meta jaqra din il-kwalità ta' lettura, għandu jiġi mgħolli 'l fuq, biex hekk jifhem il-kliem u l-messaġġ sħiħ tal-Bibbja;
2. il-kliem tal-Bibbja qatt ma għandu jiġi trasportat fuq livell ta' kliem tekniku biss: għandu jżomm sħiħ l-immaġinazzjonijiet li jipposiedi, is-simboliżmu, il-metafori u t-twettiq tiegħu, li darba jikxef u xi darba jaħbi l-misteru;
3. l-interpretazzjoni qatt ma għandha tkun waħda formali b'tali mod li twarrab il-fatti storiċi (allegorija): wieħed għandu dejjem jitlaq mit-tagħrif letterarju tat-test, biex imbagħad jasal għas-sens sħiħ u mimli tal-messaġġ;
4. il-kliem tal-Bibbja fih valur għoli:il-valur qiegħed fihom u jgħix magħhom. Ma hijiex xi ġabra ta' ideat li jgħix independentement minnhom, imma li jsawru l-qofol sħiħ tal-messaġġ;
5. wieħed għandu jħossu obbligat li juri rispett kbir lejn il-kelma billi jwassal it-tifsira preċiża dejjem kif xtaqha l-awtur. Altrimenti wieħed ikun juri wiċċ superfiċjali ħafna lejn it-test.

Il-kliem komuni, il-kliem tekniku u l-kliem letterarju nkitbu biex iħejju t-triq għall-Kelma-Bniedem, Ġesù Kristu. It-T.Q. kien *umbra futurorum* - dell il-ħwejjeġ li għad iridu jiġu. Kif jikteb ir-raba' evanġelista: "fil-bidu kienet il-Kelma u l-Kelma kienet m'Alla u l-Kelma kienet Alla", u meta waslet il-milja taż-żmien, "il-Kelma saret Laħam u għammret fostna".

Issa f'dak li għamel u għallem il-Kelma-Bniedem, huwa għamel użu mill-kliem komuni, kliem tekniku u kliem letterarju. U din hija l-missjoni tagħna llum, in-nies ta' dan is-seklu: li nifhmu fil-milja tiegħu l-messaġġ tal-Verb magħmul Bniedem, liema messaġġ jinsab imfisqi fil-kliem komuni, kliem tekniku u kliem letterarju li hemm fil-Bibbja.

Apprezzament

# MONS. EMMANUEL MERCIECA

## Arċipriet Emeritus tal-Parroċċa ta' San Ġorġ (1910-2000)



Mons. Emmanuel Mercieca, Arċipriet Emeritus, twieled fil-belt Victoria fl-24-12-1910. Ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ mill-viċi parroku Dun Marċell Agius.

Studja fil-liċeo u fis-Seminarju ta' l-Isqof. Fl-iskola kien dejjem minn ta' quddiem u r-riżultati li kien jikseb kienu dejjem eċċellenti.Ġie ordnat saċerdot fil-Konkattidral ta' San Ġwann tal-Belt Valletta fil-25 ta' Lulju tas-sena 1937 mill-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi (1924-1944). Fit-2 t'Awissu ta' l-istess sena għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fl-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ul-predikatur kien Mons. Ġużeppi Pace li wara kien ġie ordnat Isqof t'Għawdex fis-sena 1945.

Wara li sar saċerdot, Mons. Mercieca nxteħet b'ruħu u ġismu għall-predikazzjoni. Dar il-pulpti kollha ta' Għawdex. Ippriedka wkoll f'Malta. Kellu sengħa kif jorqom il-Kelma t'Alla mibnija fuq l-Iskrittura Mqaddsa u l-Għorrief tal-Knisja. Xandar il-kelma t'Alla f'panenġierċi, tridijiet, noveni u eżerċizzi spiritwali.

F'konkors li għamel fit-22 ta' Marzu tal-1947, kien laħaq Monsinjur tal-Kattidral fi żmien l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace (1945-1972). Bħala Monsinjur tal-Katidral Mons. Mercieca qeda dmiru b'reqqa u għaqal. Għallem il-Latin fis-Seminarju t'Għawdex għal 37 sena. Għal sittax-il sena Mons. Mercieca kien il-prefett ta' l-istudji fis-Seminarju kollu. Għallem ukoll it-teoloġija morali.

Barra dawn il-karigi, Mons. Mercieca kien eżaminatur pro-sinodali fil-Kurja ta' l-Isqof t'Għawdex u għal tliet darbiet Kanċellier tal-Viżta Pastorali. Bosta drabi kien vigarju sostitut fil-belt Victoria fl-assenza ta' l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai, Prelat Domestiku (+1981). Barra minn hekk, Mons. Mercieca kien għal bosta snin assistent ekkleżjastiku tal-fergħa tax-xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika tal-belt Victoria.

Isem Mons. E. Mercieca jibqa' imnaqqax bl-ittri tad-deheb fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Kien l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ (1976-1985). Mertu ta' l-Arċipriet Mercieca u bir-rieda ta' Mons. Isqof Gius. Pace, il-parroċċa ta' San Ġorġ inqatgħet mill-arċipretura tal-Kattidral fis-7 ta' Ġunju, 1955. Meritu ukoll ta' Mons. E. Mercieca u fuq talba li għamel l-Isqof Mons. Gius. Pace l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fis-6 ta' Settembru 1958 ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika Minuri mill-Papa Piju XII.

Mertu ieħor ta' Mons. Mercieca huwa li l-Bażilika ta' San Ġorġ wara konsultazzjoni ta' l-Isqof Mons. N. G. Cauchi ma' Ruma, b'digriet ta' l-istess Isqof fit-8 ta' Settembru 1975 ġiet mgħollja għad-dinjità ta' Kolleġġjata. Mhux ta' min iħalli barra li Mons. Mercieca kien sab għajnuna kbira mis-Sur Pawlu Cassar u mis-Sur Pawlu Pace.

Mons. Mercieca kien ħa l-pussess tal-parroċċa ta' San Ġorġ bħala l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata is-Sibt 11 ta' Lulju 1976 flimkien mal-kanoniċi l-ġodda min idejn l-Isqof Djoċesan Mons. Nikol Cauchi. Fi żmien l-Arċipretura ta' Mons. Mercieca nbena ċ-ċentru parrokkjali l-ġdid u sagrestija kbira, u l-kopletti tan-navi saru bil-pittura bil-mużajk, illi somma sostanzjali minnha tħallset minn Ġorġ Saliba.

L-Arċipriet Mercieca miet fl-isptar San Luqa l-Ħadd 27 ta' Awissu 2000, fl-għomor ta' 89 sena. Il-funeral tiegħu sar it-Tlieta 29 t'Awissu fil-parroċċa ta' San Ġorġ li tant ħabb u ħadem għaliha. Mexxa l-konċelebrazzjoni solenni ta' 81 saċerdot Mons. Arċipriet Dr. Ġużeppi Farrugia. Fl-aħħar tal-funzjoni Mons. Isqof Nikol G. Cauchi bierek il-katavru ta' l-Arċipriet Emeritus Mons. Emmanuel Mercieca.

Fil-ħniena tiegħek Mulej, agħtih il-mistrieħ dejjiem.

**Kan. Dun Nikol Vella Apap**

**Avviż tal-Ħanut tal-Kotba**
**"IL-BXARA T-TAJBA"**
**Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria**
**Tel: 552871**

L-Azzjoni Kattolika f'Għawdex għandha l-pjaċir tavża li ġie deċiż li ssir ristrutturazzjoni tal-ħanut tagħha "IL-BXARA T-TAJBA" li jinsab mad-Dar Ċentrali, wara s-Seminarju, fir-Rabat. Minn dan ix-xahar ta' Ottubru se tibda' sensiela ta' Offerti b'ROĦS SPEĊJALI fuq varjetà kbira ta' kotba ta' ispirazzjoni nisranija u fuq oġġetti reliġjużi. Din hija opportunita' tajba ħafna għal kulħadd, speċjalment għal dawk responsabbli minn Ċentri ta' Għaqdiet Reliġjuzi u Libreriji Parrokkjali, biex jakkwistaw varjetà sabiħa ta' kotba edukattivi, formattivi jew spiritwali bl-irħas prezzijiet possibbli.

*"IL-BXARA T-TAJBA"*
*QED JOFFRULEK ĊANS UNIKU!*




**IR-RADJU R.T.K. FUQ L-INTERNET**: http://www.di-ve.com
**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**: http://www.gozodirect.com/lumenchristi

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

***EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX***
***U SEBBĦU T-TWIEQI TAGĦKOM***

**GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.**

***ta' TONY CAMILLERI***

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*
**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

***PREZZIJIET RAĠJONEVOLI***

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.

# It-Tabib Anton Tabone *Il-Prinċipal* (1898-1972)

Nhar il-Ġimgħa 18 t'Awissu 2000 f'Ta' l-Ibraġġ quddiem l-Isptar il-Ġdid fir-Rabat Għawdex ġie inawgurat il-Monument lit-Tabib Anton Tabone. Dan il-monument ġie mikxuf mill-President tar-Repubblika l-Professur Guido Demarco flimkien ma' l-ex-President Dr. Ċensu Tabone. Saru diskorsi mis-Sindku tal-Belt Victoria s-Sur Paul Cassar, mis-Sur Franco Masini, kif ukoll mill-Ministru għal Għawdex is-Sinjura Ġiovanna Debono. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm il-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami u s-Sinjura tiegħu. Il-Monument ġie mbierek mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Nikol Cauchi Isqof t'Għawdex.



It-tabib Anton Tabone twieled ix-Xewkija, Għawdex fl-1898, bin it-Tabib Nicolo' Tabone u martu Elisa xebba Calleja. Hu kien ir-raba' wieħed fost għaxar ulied. It-tabib Anton Tabone kien miżżewweġ lill-Estelle xebba Camilleri. Kellhom erbat itfal: Marisa, Anton, Victor (mejjet) u Marga. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex, dak iż-żmien immexxi mill-Ġiżwiti. Fil-1915, huwa għamel l-eżami tal-Matrikola u beda l-kors tal-Mediċina u Kirurġija fl-Università ta' Malta, minn fejn, fil-1922, ħa l-lawrja ta' tabib wara li ġie l-ewwel fil-kors.

Huwa ħadem f'Għawdex għal bosta għexieren ta' snin, partikolarment fl-Isptar Victoria, fejn fl-1943 laħaq fil-kariga ta' Prinċipal ta' l-Isptar, kariga li snin qabel kienet okkupata minn missieru. Il-kariga ta' Prinċipal ta' l-isptar dak iż-żmien kienet il-kariga prinċipali fil-qasam tas-saħħa fil-gżira u kienet iġġorr responsabiltà sħiħa. Huwa dovut għal din il-kariga li t-tabib Tabone kien magħruf bħala l-Prinċipal u baqa' magħruf hekk sa mewtu u anke wara.

Kellu ħajja professjonali tassew vasta fiż-żmien twil li ħadem ta' tabib, kemm bħala Uffiċċjal tal-Gvern kif ukoll bħala *private practitioner* fl- oqsma kollha tal-mediċina. Matul il-gwerra ħadem ħafna wkoll minħabba li l-popolazzjoni ta' Għawdex kibret bil-bosta meta eluf ta' rifuġjati minn Malta ġew joqogħdu f'Għawdex għall-kumplament tal-gwerra. Fil-1958 it-tabib Tabone rtira mis-servizz tal-Gvern meta laħaq l-età ta' sittin sena. F'dik l-età ħafna li jkunu għaddew ħajja verament attiva jkunu lesti biex jieħdu nifs qawwi u jibdew jaqtgħu ftit ftit mill-attivitajiet tagħhom sabiex jistrieħu. Mhux hekk għamel it-tabib Tabone. Ntefa' b'ruħu u ġismu għal ħajja iktar pubblika minn qatt qabel. Kienet svolta ġdida għalih li kellha tħalli effett fuq Għawdex u anke fil-ħajja nazzjonali.

It-tabib Anton Tabone kien strumentali biex issir kampanja konsistenti u determinanti ħalli Għawdex jingħata forma ta' Gvern Lokali li seta' jiftaħlu t-triq għall- progress. Hu welled l-idea ta' Kumitat Ċiviku ta' Għawdex b'ligi speċjali li matul iż-żminijiet sussegwenti li ġew fuq pajjiżna ġiet abrogata. Kienet liġi li tat lil Għawdex, wara kważi 150 sena, korp elett li jmexxi l-affarijiet tiegħu b'mod semi-awtonomu.

Bħal ma kien mistenni t-tabib Tabone ġie elett l-ewwel President ta' dan il-Kunsill u f'ċerimonja mill-iktar memorabbli fit-Tokk tar-Rabat ġie mwaqqaf dan il-Kunsill. Iktar tard meta wara ż-żmien kolonjali fl-1962 Malta reġa' kellha l-Kostituzzjoni tagħha, it-tabib Tabone ħareġ għall-

elezzjoni mal-Partit Nazzjonalista u l-elettorat Għawdxi reġa' wera l-fiduċja li kellu fih u ġie elett Membru Parlamentari. Hawn bdiet karriera oħra għalih li, għad li kienet qasira minħabba saħħtu, kienet madankollu fejjieda fi skala usa', għax issa l-attivitajiet tiegħu ma baqgħux ristretti għal Għawdex. Infatti, t-tabib Tabone messitu x-xorti li jkun wieħed mid-Deputati li jivvutaw fil-Parlament favur l-Indipendenza ta' pajjiżna fl-1964. Huwa baqa' Membru Parlamentari sa l-elezzjoni tas-sena 1966 meta, minħabba saħħtu ma kkontestax dik l-elezzjoni. Minflok ħareġ ibnu Anton li mnebbaħ mill-ispirtu Għawdxi ta' missieru, ħadem bla heda għal Għawdex u fl-1987 sar l-ewwel Ministru għal Għawdex. It-tabib Tabone baqa' attiv fil-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, iżda kemm minħabba saħħtu, kif ukoll minħabba ċirkostanzi oħra, beda ftit ftit inaqqas mill-attivitajiet tiegħu, sakemm fi Frar tal-1972 miet fid-dar fejn kien joqgħod, ir-Rabat fl-età ta' 74 sena.

Matul il-ħajja tiegħu it-tabib Anton Tabone ġie mogħti diversi onorificenzi. Fl-1948 huwa nħatar Kavallier ta' l-Ordni ta' San Girgor il-Kbir mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII. Fil-1961 ingħata l-onorifiċenza ta' *Officer of the British Empire* (OBE) mill-Maestà Tagħha r-Reġina Elizabetta. Huwa kien ukoll Kavallier ta' l-Ordni ta' Malta.

Il-karriera tat-tabib Tabone tista' tinqasam fi tnejn: dik soċjo-professjonali u l-oħra ċivika-politika. Fil-qasam soċjali t-tabib Tabone, li kien bniedem rett u ta' karattru sod, iżda ħelu man-nies, kellu attività kbira bħala President ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex. Anzi kien l-ewwel President tagħha sa mewtu. Ta sehem qawwi fil-volontarjat. Infatti kellu sehem attiv fl-avvenimenti importanti reliġjużi, soċjali u kulturali ta' zmienu. Il-ħajja professjonali tiegħu kienet vasta u intensa u, bħalma ingħad, il-kariga ta' Prinċipal fl-Isptar kienet titlob professjonalità, għaqal u kapaċità. Tabib f'dik il-kariga ried ikun versatili u aġġornat.

Il-karriera ċiviko-politika tat-tabib Tabone kienet ukoll waħda intensa li tat il-frott. Hu kellu d-dritt tal-konvinzjonijiet politiċi tiegħu, kif kellu d-dritt li jkollu, iżda dawn qatt ma fixkluh milli jimxi b'rettitudni u imparzjalità fil-kariga li kellu tul il-karriera tiegħu. Kellu sens ta' mħabba lejn Għawdex. Imħabba kbira u diżinteressata, iżda għad li kienet ħierġa mill-qalb kbira tiegħu qatt ma ħalliha ttappan is-sens ta' patrijottiżmu u d-dimensjoni nazzjonali ta' ħsibijietu.

Dan intwera pubblikament fil-1961 meta waqt l-inawgurazzjoni tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fit-Tokk quddiem folla mdaqqsa u fil-preżenza tal-Gvernatur ta' dak iż-żmien l-Ammiral Guy Grantham, it-tabib Tabone stqarr mingħajr tlaqliq u biża' li d-drittijiet politiċi u fundamentali ta' Malta u Għawdex għandhom jiġu rikonoxxuti mill-iktar fis. Ma ninsewx li dak iż-żmien Malta kienet bla Gvern tagħha. F'dak il-mument, il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kien l-uniku korp demokratikament elett. "L-episodju tal-Gvern Lokali", kompla jgħid dakinhar it-tabib Tabone, "ma jifridha bl-ebda mod mis-sehem tagħna fit-taqbida għall-kawża nazzjonali, li tibqa' bħal ma kienet dejjem il-kawża tagħna wkoll u meta jerġa' jkollna l-Gvern kostituzzjonali tagħna, Għawdex, permezz tar-Rappreżentanti tiegħu fil-Parlament, jibqa' bħal fl-imgħoddi jieħu sehem fit-treġija ta' dawn il-gżejjer".

Il-kisbiet li għamel Għawdex fis-snin 1958-71 jistgħu jiġu fil-biċċa l-kbira tagħhom attribwiti għax-xogħol fejjiedi u ħabrieki tat-tabib Tabone bil-ħolqien tal-Kunsill Ċiviku u iżjed tard bħala Membru fil-Parlament. Wara l-ksib ta' l-Indipendenza fil-1964 Għawdex mexa 'l quddiem. Llum nistgħu ngħidu li Għawdex kiseb sehem sew mill-ġid nazzjonali u m'għadux jitqies bħal qabel parti mwarrba tal-pajjiż, parti marġinali ta' Malta. Dak iż-żmien ir-riżorsi kienu ftit u l-idea li Għawdex jimxi l quddiem b'pass mgħaġġel setgħet issir biss għax kien hemm nies iddedikati, integri u b'enerġija fenominali bħal dik tat-tabib Anton Tabone, il-Prinċipal.

***KUMITAT ORGANIZZATTIV TAL-MONUMENT***

NAMASTE
AUTHENTIC INDIAN CUISINE
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo. Tel: 561619

## Dun Ġorġ Preca - 8

# DUN ĠORĠ U L-MADONNA




Jekk Dun Ġorġ kellhu mħabba kbira lejn l-Iben t'Alla Sidna Ġesù Kristu, huwa ħabb lil Ommu Marija, li kienet strumentali biex Sidna Ġesù Kristu jkun jista' jitwieled minn mara bħall-bnedmin l-oħra.

Huwa ma priedkax devozzjoni sentimentali lejn il-Madonna iżda qima vera bbażata fuq it-tagħlim tal-Knisja. Huwa ma poġġiex lill-Madonna fuq pedistall ogħla minn ta' Kristu, iżda poġġieha fuq il-pedestall li veru jisthoqqilha: dik ta' Omm Alla. Infatti, f'talba qasira huwa fisser kif hija għandha relazzjoni mill-aqwa mat-Trinità: Alla l-Missier għażilha bħala Bintu, Alla l-Iben għażilha bħala Ommu u Alla l-Ispirtu s-Santu għażilha bħala l-Għarusa Verġinali.

Huwa ħeġġeġ talba sempliċi. Din tikkonsisti filli wieħed jinkina għat-tliet privileġġi li irċeviet il-Madonna: 1) l-Immakulat Konċepiment 2) il-Maternità Divina, u 3) t-Tlugħ tagħha fis-Sema. Fl-aħħar, wieħed għandu jgħid talba qasira, u huwa kien jissugerixxi din: "Madonna, berikna u salvana".

Huwa ħeġġeġ ħafna għat-talba tar-rużarju ta' kuljum. F'dan ir-rigward nistgħu ngħidu li huwa kien qiegħed jimxi fuq il-linja tal-Papiet, li ta' lanqas minn San Piju V kienu jħeġġu għal din it-talba tant sabiħa. Dun Ġorġ kiteb wkoll għajnuniet prattiċi biex jgħin lill-insara jgħidu din it-talba. Huwa kkompona talba li tingħad wara r-Rużarju. Fiha aħna nitolbu lill-Madonna li kienet wieqfa taħt is-Salib biex tagħtina l-grazzja li naslu l-Ġenna.

Dun Ġorġ Preca kien devot ħafna tal-Midalja Mirakoluża li l-Madonna tat lil Santa Katerina Laboure. Huwa kien isemmiha fis-Sajdiet u l-konferenzi li kien jagħmel. Huwa u jsemmi din il-Midalja, kien iberikom u jqassam minnhom.

Huwa kien devot ukoll tal-Madonna tal-Karmelu, u għalhekk f'Malta ħeġġeġ lill- poplu biex jinkiteb fil-Labtu tal-Madonna. Fil-konferenzi u Sajdiet tiegħu, kif kien iħeġġeġ għall-midalja mirakoluża kien iħeġġeġ ukoll biex permezz tal-Labtu tal-Karmelu aktar nies jersqu lejn il-Madonna. Għalih, li wieħed jilbes il-Labtu ma kenitx xi ħaġa bla siwi iżda konsagrazzjoni tal-persuna, li tiġbdu lejn il-Madonna. Huwa dejjem insista illi min jilbes il-Labtu għandu jieħu ħsieb biex qatt ma jabbuża mill-ħniena materna tal-Madonna.

Huwa kien dejjem jinsisti li d-devozzjoni lejn il-Madonna qatt ma għandha tkun ta' protezzjoni biex imbagħad wieħed jgħix kif jaqbillu. Il-vera devozzjoni lejn il-Madonna tikkonsisti filli wieħed jixtieq li jgħix ħajja virtuża bħal tal-Madonna, speċjalment fit-telqa tagħha f'idejn Alla.

***Angelo Xuereb***

texprint

Silk Screen Printing on T-Shirts, Sweat Shirts, Sport and Fashion Wear, Napkins, Scarves, Caps and Banners

JOSEPH VELLA
'Ebony'
73 Triq l-Università,
Victoria, Gozo.
Tel: 560464




# IL-ĠUBLEW TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ



Bil-wisq aqwa minn kull stennija l-akbar miġemgħa tul din is-sena tal-Ġublew intemmet nhar il-Ħadd, 20 t'Awissu, meta l-Papa Gwanni Pawlu II qal lil grupp ta' żewġ miljuni li ħadu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ biex iwasslu l-messaġġ tal-Vanġelu fis-seklu 21.

L-organizzaturi stennew 1.2 miljun pellegrini żgħażagħ, iżda l-figuri attwali kienu bil-wisq ikbar. Il-pellegrini żgħażagħ, imsejħa mill-media bħala "it-tfal tal-Papa" kellhom jissaportu folol, sħana, fili twal u akkomodazzjonijiet imbullati biex ikunu jistgħu jingħaqdu mal-Papa għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-20 t'Awissu. Eluf raqdu fl-għelieqi barra Ruma; eluf baqgħu imqajmin tul il-lejl ta' l-aħħar *weekend* - il-Papa sejħilhom "għassiesa tas-sebħ". Għalkemm kien hemm madwar elf persuna li rċevew kura, l-aktar minħabba s-sħana, din l-akbar miġemgħa fl-istorja ta' Ruma għaddiet mingħajr inċidenti.

Is-soltu Ruma hi belt kwieta tul ix-xahar ta' Awwissu, iżda din is-sena kienet aktar movimentata. Il-Kardinal Camillo Ruini, f'isem il-Vatikan u d-djoċesi ta' Ruma, irringrazzja lill-awtoritajiet ċivili għall-kooperazzjoni tagħhom. Il-President Carlo Azeglio Ciampi wieġeb: "Ruma hi hienja li ġiet mirbuħa" mill-pellegrini żgħażagħ. Il-Kardinal Ruini mexxa madwar 400,000 żgħażagħ tul il-Via Sagra tal-Ġimgħa filgħaxija, li ntemmet fil-Kolossew fejn tfakkret it-tbatija ta' l-insara fis-snin reċenti - fi Rwanda, il-Palestina, El Salvador u l-Indonesja. Is-Sibt filgħaxija, ħafna miż-żewġ miljuni ta' pellegrini marru lejn Tor Vergata - ħafna mxew diversi mili wara li waslu bl-eqreb mezz ta' trasport li sabu. Is-sħana tas-Sajf taffiet kmieni filgħaxija meta l-Papa wasal mir-residenza tiegħu ta' Castel Gandolfo. Milqugħ b'applaws enormi, Ġwanni Pawlu II għadda fuq il-*popemobile* u wasal fuq il-palk.

Il-programm inkluda danza, kant u x-xhieda ta' żgħażagħ minn pajjiżi li sofrew vjolenza fis-snin reċenti. Meta indirizza lill-folla, il-Papa tkellem dwar it-tbatija u x-xhieda. Qal li l-fidi titlob minna, bħalma talbet fl-imgħoddi, li nieħdu *stand* għall-Kristu, xi drabi anke sal-punt tal-martirju. Qal li l-martirju jista' jieħu diversi għamliet u li fil-biċċa l-kbira tal-każi "m'għandkomx ixxerrdu demmkom, iżda żgur intom mitluba li tkunu leali". L-attività ntemmet bi stqarrija solenni tal-fidi.

Il-Ħadd filgħodu, iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ laħqet it-tmiem tagħha b'quddiesa solenni f'Tor Vergata. Madwar 6,000 qassis, fosthom aktar minn 500 isqof, ikkonċelebraw mal-Papa. Fl-omelija, Gwanni Pawlu II ħeġġeġ liż-żgħażagħ jagħrfu lill-persuna ta' Gesù bħala l-bażi tal-fidi tagħhom u biex jiċċentraw ħajjithom fuq l-Ewkaristija. Għamlilhom kuraġġ biex ikunu ġenerużi fix-xhieda tagħhom ta' Kristu. "Is-soċjetà tagħna għandha bżonn kbir għal din ix-xhieda". U semma r-responsabiltà tagħhom lejn il-Knisja: "Intom tridu twasslu l-messaġġ ta' Kristu lill-millenju l-ġdid".

Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, il-Papa ħabbar li l-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li jmiss ser jiġi ċelebrat f'Toronto fis-sena 2002. Wara li xtaq lill-pellegrini vjaġġ tajjeb lura lejn djarhom, il-Papa osserva li ma kienx qed jgħidilhom "Saħħa", izda jittama li jarahom darba oħra f'Toronto.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Is-Sisien Tat-Tagħlim Soċjali Tal-Knisja

# 5. Il-Prinċipju tal-Libertà Reliġjuża

mill-E.T. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex



## Żewġ drittijiet fi prinċipju wieħed

Qabel xejn, wieħed jeħtieġ jinnota li dan il-prinċipju li fuqu qed nitkellmu jimplika żewġ drittijiet:

1. li l-bniedem ma jiġix kostrett jemmen jew jaġixxi kontra l-konvinżjonijiet personali tiegħu;
2. li ebda bniedem ma għandu jiġi mfixkel bil-forza jew bil-vjolenza milli jaġixxi skond il-konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu.

Issa fil-waqt li l-ewwel dritt ilu rikonoxxut universalment madwar erba' mitt sena, jiġifieri minn żmien ir-Riforma, it-tieni dritt li semmejna dam ma ġie rikonoxxut u saħansitra fost il-Padri Konċiljari kien hemm min iddefenda l-indħil ta' l-istat kattoliku biex jirreprimi manifestazzjonijiet mhux kattoliċi.

### Il-Libertà Reliġjuża fid-Digriet *Dignitatis Humanae*

L-ewwelnett tiġi l-libertà tal-kuxjenza, għaliex din hija ż-żona l-iktar interna tal-libertà u s-sede tal-konvinzjonijiet personali tal-bniedem. Iżda peress li fih hemm ruħ u ġisem, u l-ħajja tiegħu, barra mill-aspett individwali, għandha wkoll aspett soċjali, il-libertà nterna tal-kuxjenza jeħtieġ li tiġi esternata fil-kult, fl-atti ta' qima, jiġifieri fit-twettiq tar-reliġjon.

Fid-Digriet *Dignitatis Humanae* dawn iż-żewġ aspetti tal-libertà huma meħuda flimkien. Il-libertà reliġjuża, jgħidilna dan id-Digriet, "tikkonsisti filli l-bnedmin kollha għandhom ikunu ħielsa minn pressjoni kemm ta' individwi u kemm ta' gruppi soċjali u ta' kull setgħa umana, hekk li fil-ħwejjeġ reliġjużi lanqas ħadd ma jkun imġiegħel jmur kontra l-kuxjenza tiegħu, jew li jkun imfixkel milli jimxi skond il-kuxjenza tiegħu fil-ħajja privata u pubblika, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, fil-limiti li jixirqu." (n.2)

1. L-ewwelnett wieħed irid iqis l-estensjoni ta' dan id-dritt tal-libertà reliġjuża. Dan il-jedd ma jirrigwardax il-kattoliċi jew l-insara biss, iżda huwa estiż għall-bnedmin kollha, hi x'inhi r-reliġjon tagħhom.

2. It-tieni, hija eskluża kull xorta ta' koerċizzjoni, tiġi minn min tiġi, sewwa jekk ikunu individwali dawk li jagħmluha kif ukoll jekk ikunu gruppi. Ħadd ma jista' jagħmel din il-pressjoni jew koerċizzjoni fuq l-oħrajn, l-anqas l-Istat u kull minn għandu setgħa oħra. Dan jgħodd ukoll għall-Awtorità Ekkleżjastika, li, kif jammetti l-istess Konċilju Vatikan II, ma għandhiex setgħa tagħmel vjolenza fuq il-kuxjenzi.

3. It-tielet, ta' min josserva li s-sisien ta' din il-libertà reliġjuża huma inerenti fil-persuna tal-bniedem stess u mhux fid-dispożizzjonijiet soġġettivi tiegħu. Fi kliem ieħor, dan id-dritt ma jiddependix mill-fatt jekk persuna tkunx fl-iżball jew le, ikollhiex ħtija jew le. "Għaldaqstant, id-dritt għal din l-immunità jibqa' hemm anke f'dawk li ma jwettqux dmirhom li jfittxu l-verità u jħaddnuha."(*Dignitatis Humanae*, 2). Il-Konċilju jinsisti li kull bniedem għandu d-dmir li jfittex il-verità u jaċċetta din il-verità; madankollu, minħabba d-dinjità tal-persuna umana, anke jekk wieħed ikun fl-iżball jew ma jkollux rieda tajba, hemm bżonn li l-kuxjenza tiegħu tiġi rispettata.




Il-Papa Ġwanni Pawlu II flimkien ma' diversi mexxejja reliġjużi fil-laqgħa ta' talb għall-paċi – Assisi, 27 ta' Ottubru 1986

## It-tagħlim mogħti fl-Enċiklika tal-Papa *Redemptor Hominis*

Dan it-tifsir li tajna jinsab miġbur fit-tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II, mogħti fl-enċiklika *Redemptor Hominis* (n.17) "Fost dawn id-drittijiet tal-bniedem hemm bil-ħaqq kollu dak tal-libertà reliġjuża u d-dritt tal-libertà tal-kuxjenza. Il-Konċilju Vatikan II ħass li kien jeħtieġ li jaħdem trattazzjoni twila dwar dan is-suġġett. Dan għamlu b'dokument imsejjaħ "*Dignitatis Humanae*", li fih huwa ttratta l-kwistjoni mhux biss mill-aspett teoloġiku iżda wkoll mill-aspett tal-liġi naturali, jiġifieri minn pożizzjoni biss umana fuq il-premessi ta' l-esperjenza tal-bniedem stess, tar-raġuni tiegħu u tas-sens tad-dinjità tiegħu. Il-limitazzjoni tal-libertà reliġjuża tal-bniedem u tal-komunitajiet mhux biss hija esperjenza ta' tbatija imma hi, fuq kollox, attakk fuq l-istess dinjità tal-bniedem, independentament mir-reliġjon li huma jħaddnu jew mill-idea dwar id-dinja li huma jkollhom. It-tnaqqis u l-ksur tal-libertaà reliġjuża jmorru kontra d-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet oġġettivi tiegħu. Id-dokument tal-Konċilju li semmejna aktar 'il fuq jgħid b'mod biżżejjed ċar xi jfisser dan it-tnaqqis u l-ksur tal-libertà reliġjuża. Dan it-tnaqqis u dan il-ksur huma bla dubju nġustizzja radikali li teħodha kontra dak li hu fil-qalba tal-bniedem, dak li hu awtentikament uman."

4. Ir-raba', dwar il-kontenut tal-libertà reliġjuża, irridu nifhmu li dan ifisser qabel xejn u fuq kollox it-twemmin li ġej minn xi reliġjon bħal ma hija r-reliġjon nisranija jew reliġjonijiet oħra. Però, anke dawk li jistqarru li ma huma marbuta ma ebda reliġjon, ħafna drabi jibqgħalhom sett ta' valuri li huma jgħożżu, u xi prinċipji morali li fuqhom ifasslu l-imġieba tagħhom. Għandhom dik li jsejħulha viżjoni tad-dinja (*Weltanschauung*) u ideal tal-ħajja. Dawn ukoll jeħtieġ li jiġu rispettati bħala parti mil-libertà tal-kuxjenza. Però, min jiċħad dan kollu u jasal għan-negazzjoni ta' l-istess kuxjenza umana, *ipso facto* ikun qed jirrinunzja huwa stess għad-dritt tal-libertà tal-kuxjenza.

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 560331

OUR PIZZA OVEN SPEAKS ITALIAN

SMUGGLER'S CAVE
Bar • Restaurant • Pizzeria
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 551005 - 551983




Anton F. Attard

# IX-XJUĦ FIL-FOLKLOR GĦAWDXI

## (L-ewwel Parti)

Daż-żmien, meta nitkellmu dwar ix-xjuħ, aktarx nużaw il-kelma "anzjan" jew "anzjani", termini li jidhru aktar sbieħ u puliti. Dan jiġri għaliex il-kelma "xiħ", "xjuħ" rabbiet konnotazzjonijiet dispreġjattivi jew ta' tgħajjir u tmaqdir. Eżempju ieħor hija l-kelma "trux", "torox" li flokha nużaw il-frażi "nieqes mis-smigħ" jew "neqsin mis-smigħ", għax bil-kelmiet "trux", "torox" nidhru qisna qegħdin ninsulentaw lil dak li jkun. Imma dan ma kienx minn dejjem hekk. Anzi, hawn Għawdex, il-kelma "xiħ" m'għandhiex dejjem dak it-tifsir ikrah li, jista' jkun, għandha Malta. Bħala plural, minbarra l-kelma "xjuħ" hawn Għawdex nużaw ukoll il-kelma "xjuħa". Hija l-kelma "anzjan"/ "anzjani" li fil-bidu ħolqot in-nuqqas ta' ftehim. Ikolli ngħid li mhux wieħed u tnejn xi żmien ilu ġew jistaqsuni "anzjan" jew "anzjani" xi tfisser sewwa.

F'Għawdex il-kelma "xiħ" u "xiħa" sa ftit ilu kienu jintużaw għall-omm u l-missier. Dan ma kienx isir b'nuqqas ta' rispett. Anzi, bil-kelmiet "xiħ" u "xiħa" kienu jridu jfissru li huwa l-kap tal-familja. Dan it-tifsir semitiku nsibuh imxerred fl-ilsna semitiċi kollha. "Ix-Xeikh" tal-pajjiżi Għarab, "ix-Shah" tal-Persja, huma eżempji ċari biżżejjed fejn "xiħ" tfisser "kap tal-pajjiż", "ir-ras", "il-mexxej", "is-sultan". Hekk ukoll fl-iskrittura nsibu riferenza għax-"xjuħ tal-poplu". Dawn kienu jissejħu "xjuħ" mhux għax kienu mdaħħlin fiż-żmien jew mimlija bil-għomor, imma għaliex kienu wkoll il-mexxejja tal-poplu f'dak li hu tagħlim reliġjuż dwar il-liġi ta' Alla u l-morali tal-pajjiż.

Meta tnejn fil-familja jkun jisimhom l-istess, bl-Ingliż jingħadu l-kelmiet "*senior*" u "*junior*". F'Għawdex nużaw il-kelmiet "*ix-xiħ*" u "*ż-żgħir*". Meta nkunu qegħdin nirreferu għal nies tas-sengħa, "ix-xiħ" għandu preġju wisq iżjed miż-żgħir. Hekk meta nistaqsu: Min għamilhielek it-tali ħaġa, "ix-xiħ" jew "iż-żgħir"? B'sens ta' sodisfazzjon iwieġbuna, le x'żgħir żgħir, dik ix-xiħ għamilha! Mela f'Għawdex "*ix-Xiħ*" huwa l-kap, u huwa wkoll bniedem mimli fl-esperjenza u jaf wisq iżjed miż-żgħir. Raġunar loġiku ħafna. Hawn Għawdex ix-xjuħ, bħala nies ta' esperjenza kbira fil-qasam tagħhom, kienu minn dejjem imfaħħra. Irġiel xjuħ fis-sengħa tal-qtugħ tal-ġebel, tal-bini, fix-xogħol ta' l-injam, fix-xogħol tal-ħadid, fix-xogħol tal-qasab, fix-xogħol tal-biedja u fix-xogħol tas-sajd, biex inkunu semmejna l-aqwa snajja' tal-gżira, kienu minn dejjem apprezzati bħala mill-aħjar. Hekk ukoll nisa xjuħ fix-xogħol tal-bizzilla, fix-xogħol tan-newl, fix-xogħol tal-ħjata u fix-xogħol tar-rakkmu... baqgħu msemmija bħala l-aqwa fost l-aħjar. Nies bħal dawn jissemmew mill-ġenerazzjoni ta' llum b'nostalġija.

Storikament nafu li fi żmien l-Istorjografu Malti Ġanfranġisk Abela, ix-Xewkija ħdejn il-Knisja Parrokkjali, fil-għalqa magħrufa bħala "Iċ-ċens ta' San Ġwann", kien għad hemm fdal megalitku msejjaħ "Maqgħad ix-Xiħ". Dan aktarx kien jikkonsisti minn tliet ġebliet: żewġ waqqafat u blata jew ġebla orizzontali fuqhom (bl-Ingliż *trilithon*).



Hekk ukoll fl-istess raħal tax-Xewkija nsibu għerien bl-ismijiet ta' "Għar ix-Xiħ" u "Għar il-Ħabs", ismijiet li donnhom ifakkruna meta kien hemm ix-Xiħ jew kap tar-raħal li kien jagħmel ħaqq min-nies ta' taħtu u jitfagħhom il-ħabs.

Ix-xiħ jingħaraf minn surtu għaliex iż-żmien iħalli fuq il-bniedem il-marki tiegħu, li jrid u ma jridx, ikollu jġorrhom fuqu sakemm imut. Għal wieħed xiħ ħafna ngħidu "*xiħ imxaħxaħ*" jew "*xiħa mxaħxħa*" jiġifieri merħi, mitluq, imħeddel għal kollox. Kelmiet oħra assoċjati max-xjuħ, insibu: *xiħ għakka jew xiħ mgħakkek, għaġuż u għaġuża, nannu, bożżu u buxiħ*. Imma x-xjuħija ma fihiex minn xiex wieħed jistħi għax kif igħidu l-Għawdxin: *xiħ sinjal il-għomor*. Min miet żgħir ma xjieħx.

Skond il-ħaġa moħġaġa l-bniedem: *fil-għodu fuq erbgħa, f'nofs in-nhar fuq tnejn, u fil-għaxija fuq tlieta*. Ngħidu "fuq tlieta" għaliex ix-xiħ meta jikber ikollu bżonn il-bastun biex jistrieħ fuqu. Infatti, ma nistgħux inpinġu xiħ mingħajr ma nżejnuh bl-emblema jew il-għelm tax-xjuħija: il-bastun. Araw ukoll dawn id-deskrizzjonijiet dwar ix-xjuħija kemm huma milquta: *Il-muntanja bjadet, il-belt tbiegħdet, il-familja tferrxet, it-twil sar qasir u t-tnejn saru tlieta*. Inkella: *ċlikk ċlikk bil-minġel, mnejn jitla' ma jistax jinżel, il-għijja f'irkubbtejh u d-dawl jidher minn ġenbejh*. M'hemm ebda dubju li x-xjuħija fil-ħajja tal-bniedem hija bħax-xitwa fost l-istaġuni. *Nannu xiħ bil-kabozza u bid-dulliegħ*, hija t-taqbila tat-tfal, u Mary Meylak qabblet poeżija għat-tfal fuq dan is-suġġett. Hija żmien ta' tbatija, żmien li jbeżża', żmien li fl-innu ta' l-istudenti jissejjaħ "*molestam senectutem*", "xjuħija li ddejjaq".

Dawn huma l-aspetti negattivi tax-xjuħija. Jekk naħsbu fihom biss, il-kuraġġ imurilna u nibdew naħsbu li x-xjuħ ma jiswew għal xejn. Imma mhux hekk. Ix-xjuħ huma nies mimlija bl-esperjenza u dak li jgħidu huma jiswa, anki jekk għall-ewwel għandu mnejn naħsbu li ma jaqblilniex. L-espressjonijiet "ġurdien xiħ", "far xiħ", ifissru wieħed li jaf x'inhu jagħmel u mhux lakemm taqbdu fuq sieq waħda. Infatti, il-qwiel fuq ix-xjuħija kollha b'xi mod juruna l-aspett ta' l-esperjenza ta' dawk li huma akbar minna: "*Kliem ix-xiħ żomm fih*", qawl mill-aktar popolari fil-gżejjer tagħna li minnu għandna nitgħallmu li dak li jgħidu x-xjuħ huwa minnu u għandna noqogħdu fuqu. Fiżikament ix-xiħ ma tantx nistgħu ninqdew bih, għax-xogħol m'hux tajjeb, hekk li qawl ieħor igħid: "*Min jikber ma jiswa għal xejn*". Barra minn dan ix-xjuħija tista' ma tkunx żmien sabiħ għal ċerti nies: Ix-xiħ imdejjaq bih innifsu. Dan igħodd l-aktar għal dawk in-nies li fi żmienhom qatt ma kienu tajbin għal xejn, meta jixjieħu jistgħu jsibu qagħdithom agħar, ma jafux fejn ser jagħtu rashom għax ma jkunu kapaċi jagħmlu xejn. Dan apparti f'każijiet ta' mard. Araw xi jgħid dan il-qawl: "*il-ħmar xiħ issa jorqos u issa jagħtar*". Ix-xjuħija mimlija wġigħ u tbatija. Imma dan ma jfissirx li wieħed xiħ moħħu ma jkunx hemm. Veru li kultant min jikber jista' jibda jiżmaga, imma qawl ieħor xorta jwissina: "*Qattus xieref għidlu kixx!*" Ix-xiħ hawnhekk huwa deskritt bħala qattus xieref li tkun ħaġa tajba li wieħed ikeċċih lil hemm meta jara xi għajn ħażina minnu.

Imma l-għajn ħażina mhux dejjem tidher malajr għaliex skond qawl ieħor: *ix-xiħ idellel u ż-żagħżugħ iġennen*, jiġifieri fejn jidħlu n-nisa, ix-xiħ jiġi b'ħafna kumplimenti, fil-waqt li ż-żagħżugħ jiġi b'ħafna fittaġni, it-tnejn perikolużi.

Imma d-dgħufija ta' bniedem xiħ tibqa' dejjem tispikka, jagħmel x'jagħmel: *max-xiħ iġri*, max-xiħ tikkompeti biss f'dak li hu fiżiku. *Ix-xiħ tistaqsihx x'minnek imma x'sebbħek*, jiġifieri x-xiħ kull ġurnata li jibqa' ħaj hija ġurnata mirbuħa għaliex il-mewt dejjem tinsab wara l-bieb, lesta hemm kemm tħabbat. Qawl ieħor jurina d-debbulizzi u l-problemi tax-xjuħija: *Min jixjieħ jibda jitlef ir-riħ*. U min ma semax bil-qawl: *Darbtejn insiru tfal*. Dan għaliex jew għax min jikber jibda jagħmel trampi tat-tfal, jew inkella għax isir jiddependi minn ħaddieħor. Ix-xjuħ jafu jagħmlu trampi tat-tfal, tiskanta, għaliex skond qawl ieħor: il-bniedem jixjieħ u jiblieħ. Imma l-bniedem mhux lakemm jaqta' qalbu u xi drabi fi xjuħitu jagħmel affarijiet li suppost ikun għamel f'żogħżitu: *Li m'għamilx f'żogħżitu, għamlu fi xjuħitu,* igħid qawl ieħor.

Hu x'inhu. Imma x'tista' tagħmel jekk ix-xjuħija minnha nfisha hija marda? *Fix-xjuħija d-duwa m'hix għajr tutija*. Għal min hu xiħ, il-mediċina sservi biss biex tgħatti l-mard u mhux biex tfejqu. Issa la ż-żmien, la l-mard u lanqas xejn ma jneħħi minn moħħ ix-xiħ dawk l-esperjenzi li ġabar matul ħajtu. Isimgħu dan il-qawl: Dak li f'qalb ix-xiħ, ihewden bih. Ix-xjuħ jiftakru ġrajjiethom kollha u l-hena tagħhom jirrakkuntaw fuq dak li jkun għadda mingħalihom fil-ħajja twila tagħhom. Dari, il-hena tax-xjuħ tagħna kien li jirrakkuntaw il-ħrejjef li baqgħu jintirtu minn ġenerazzjoni għal oħra. U f'ħafna minn dawn il-ħrejjef jissemmew ix-xjuħ. Ħalli issa naraw ftit f'liema kuntest kienu jissemmew ix-xjuħ fil-ħrejjef Għawdxin. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix ix-xogħol utli li għamel il-Patri Ġiżwita Manwel Magri li ġabar ħafna ħrejjef Għawdxin fil-bidu tas-seklu għoxrin meta kien Rettur tas-Seminarju tagħna u laħaq żmien tassew tajjeb għal dan it-tiftix. Mingħajr il-kontribut ta' Għawdex f'dan il-qasam, il-folklor Malti kien ikun tassew fqir. Aħna l-Għawdxin għandna nkunu tassew kburin bil-kontribut folkloristiku tagħna.

Nerġgħu fuq il-għerf tax-xjuħ. Qawl ieħor igħid: *Akbar sena, jaf iżjed mit sena*. Mela x-xjuħ bilfors li jkunu jafu affarijiet li ż-żgħażagħ, minħabba n-nuqqas ta' esperjenza ma jkunux jafuhom. Hekk ġralu l-prinċep fil-Ħrafa tat-Tronġiet Mewwija. Isimgħu:

*"Għodwa waħda ... bin is-sultan kien qiegħed fuq il-għajn taż-żejt u jilmaħ nanna xiħa. Xħin waslet jaraha sejra timla ż-żejt ġewwa qoxra ta' bajda; dan kisirlu qalbu u telgħulu daqshekk billi raha li ġiebet ħaġa hekk żgħira f'hiex tieħu ż-żejt, li ħatafhielha minn idha, irmihielha fil-bogħod u qallha: "Mela din iġġib f'hiex tieħu ż-żejt?"*

*Ix-xiħa, xħin ratu li kissirhielha, kollha mbergħna qaltlu: "Jarrak tiżżewweġ ix-xebba tat-tronġiet mewwija."*

Naturalment, bin is-sultan, żagħżugħ mingħajr esperjenza, ma kienx jaf min hi u x'inhi din ix-xebba tat-tronġiet mewwija. U mar ifittixha.

U fit-triq, ma' min taħsbu li ltaqa'? Ma' tlitt irġiel xjuħ!

L-ewwel tnejn qalulu: *"Imxi iżjed 'il quddiem u tiltaqa' ma' ħija ikbar minni u egħref minni; u iktar jaf igħidlek minni."*

Innutaw kif min hu ikbar huwa egħref u jaf igħid aktar. Fil-fatt, skond il-ħrafa, l-aħħar wieħed igħid lil bin is-sultan x'għandu jagħmel biex jikseb ix-xebba tat-tronġiet mewwija.

Ħrafa Għawdxija oħra hija dik tax-Xini jimxi fl-Art. F'din il-ħrafa tlett itfal żgħażagħ marru biex jagħmlu x-xini jimxi fl-art ħalli b'hekk jiżżewġu għand is-sultan. Imma fit-triq jiltaqgħu ma' mara xiħa. Din titlobhom ħalq ħobż jew ħobża. L-ewwel tnejn spiċċaw ħażin għaliex ma tawhiex dak li riedet: wieħed kiser drieghu u l-ieħor kiser siequ. Imma t-tielet wieħed, għax kien qalbu tajba max-xiħa, sab ix-xini jimxi fl-art. Hawnhekk ninnutaw li min ikun qalbu ħażina max-xjuħ jiġi kkastigat, min ikun qalbu tajba jkun ippremjat.

Ħrafa oħra Għawdxija hija dik ta' Balmies. Is-saħħar tal-ħrafa juri ruħu bħala raġel xiħ li joħroġ minn taħt blata. Skond it-tifsir tal-ħrafa ta' Balmies dak ix-xiħ huwa Alla l-Imbierek. Veru li Alla l-Missier huwa mpinġi wkoll bħala raġel xiħ, imma mhux kulħadd jaqbel ma' dan it-tifsir folkloristiku mogħti lil Patri Magri minn wieħed raġel mix-Xagħra.

**(JISSOKTA)**

**Ġejja x-xitwa...!**
**GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR?**
**TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA**
**LI MA SSERVIKX!... ĦALLI F'IDEJN**

**GREZZJU BONELLO**



**li għandu aktar minn 10 snin esperjenza**
**fil-kisi tal-bjut u ħitan *water-proof***
**bil-qatran tan-nar (*membrane*).**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn.**

GREZZJU BONELLO, "GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel. 557694, Mobile: 0946 9102

**HARMONY**
HEALTH & BEAUTY SALON

- **Facials**
- **Manicure & Pedicure**
- **Waxing**
- **Electrolysis**
- **Slimming Treatments**
- **Make-up For All Occasions**
- **Body Massage**
- **Indian Head Massage**
- **Eye Lash & Eye Brow Tint**
- **Lifting Treatments**
- **Nail Extensions**

**LEANNE GAUCI**
I.H.B.C., M.A.B.T., I.T.E.C.

**Victory Square, Xagħra, XRA 102.**
**Telephone: 565958**




# IR-RUMANI (3)

## Fdalijiet ta' żmien ir-Rumani

Il-belt kapitali ta' Malta baqgħet l-istess waħda li kienet fi żmien il-Puniku, imma li r-Rumani semmew Melita. Is-swar ta' din il-belt kienu jwasslu sa ħdejn il-knisja ta' San Pawl fir-Rabat (Malta). Din il-knisja hija mibnija fuq il-foss tal-belt l-antika Melita. Wieħed għadu jista'jilmaħ il-fdalijiet ta' dan il-foss. X'aktarx li d-daħla prinċipali tal-belt rumana kienet tinsab f'dawn l-inħawi. It-tul tas-swar li kienu jdawwru l-belt kien ta' aktar minn 4.02 kilometri. Ftit li xejn għadu jidher minn dan il-ħajt. Il-kobor tal-belt ġie mċekken għall-qies tal-lum mill-Għarab biex ikunu jistgħu jiddefendu aħjar is-swar.

Bosta fdalijiet ta' xeħta rumana ġew misjuba jew innotati matul iż-żmenijiet minn persuni bħall-Konti Ġiovannantonio Ciantar u Annetto A. Caruana. Dan ta' l-aħħar isemmi li ħafna mill-oġġetti kienu għadhom jidhru fis-seklu dsatax fil-misraħ ta' quddiem il-Katidral tal-Imdina. Illum kważi ma' baqa' xejn għajr għal xi sejbiet żgħar li jinsabu għall-wiri fil-Mużew tal-Antikitajiet Rumani (Villa Rumana) ir-Rabat. Fost l-affarijiet insibu kolonni tal-irħam, kapitelli ta' stil Joniku u figura bla ras ta' ġisem imlibbes ilbies ruman għolja madwar 1.21metri.

Instabu ħafna rovini ta' djar rumani, imma l-aktar waħda importanti hija d-dar Rumana li tinsab barra l-ħitan tal-Imdina (ħdejn id-daħla tal-Griegi), magħrufa bħala l-Villa Rumana. Peress li d-dar kienet tinsab fil-belt din riedet tissejjaħ *domus* u mhux villa. Oriġinarjament kienet tokkupa l-parti ċentrali tal-belt Melita. Din id-dar ġiet misjuba u skavata fl-1881.

Matul l-iskavi nkixfu pavimenti tal-mużajk kulurit ta' ġmiel u sengħa liema bħalhom. Parti mill-arkitettura tal-bini (fil-*peristilium*) instabet f'kundizzjoni tajba ħafna u ġiet restawrata. Inbnew diversi kmamar biex jipproteġu l-mużajk. Dawn l-istess kmamar illum iservu ta' mużew ta' din id-dar rumana. Is-sit kompla jiġi skavat bejn l-1920 u l-1924 meta nkixfu aktar djar tal-belt antika rumana Melita, u ħarġu wkoll fil-beraħ partijiet minn toroq ta' dak iż-żmien. Dawn il-fdalijiet jagħmlu parti mill-kumpless kollu li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-mużew tad-dar rumana.

Fl-1929, Sir Temi Zammit skava sit ieħor ta' żmien ir-Rumani f'Għajn Tuffieħa. Din kienet dar tal-kampanja li kellha magħha kumpless ta' banjijiet. Il-mużajk li nstab f'din il-villa rumana, li kien xogħol fin maħdum mill-biċċiet tal-irħam kuluriti (*tesserae*), bħal dawk li nsibu fid-dar rumana tar-Rabat, juru li s-sidien tad-djar kienu nies tat-tajjeb li setgħu jibnu din il-kwalità ta' bini b'ċertu gosti fini ħafna. Ftit baqa' x'wieħed jara mill-villa ta' Għajn Tuffieħa, imma l-parti l-kbira tal-banjijiet għadhom ippriservati tajjeb. Immaġinaw ftit: kien ikollhom il-*piscina* (*swimming pool*), it-*tepidarium* (banju bl-ilma fietel) u l-*frigidarium* (banju bl-ilma kiesaħ). Dawn kienu kollha miksija bil-mużajk; kien hemm kmamar fejn ibiddlu u naturalment is-sistemi tad-drenaġġ, kif ukoll fran fejn


Paviment tal-mużajk (Dar Rumana, Rabat, Malta)

kienu jsaħħnu l-ilma u kif kienu jippumpjawh għall-banjijiet: il-*calidarium*.

Fl-1915, Sir Temi Zammit flimkien ma' Prof. T. Ashby skavaw Villa Rumana oħra f'Ta' Kaċċatura, ħdejn Borġ-in-Nadur u Għar Dalam, f'Birżebbuġa. Sfortunatament dawn il-fdalijiet tħallew jaqgħu f'idejn il-vandali u llum ftit baqa' x'wieħed jara. Li fadal hija ġiebja kbira li serviet għall-ilma tal-istess villa.

Imbagħad insibu villa oħra f'San Pawl Milqi. Din kienet skavata mill-Missjoni Arkeoloġika Taljana mill-Università ta' Ruma. Skond it-tradizzjoni, din kienet il-villa li fiha, fis-sena 60 wara Kristu, San Pawl kien milqugħ mill-gvernatur ta' Malta, San Publiju. Din il-villa tas-seklu tnejn qabel Kristu kienet tintuża għall-attività agrikola. Fil-fatt, mill-oġġetti li nstabu fiha, bħal numru ta' stringituri taż-żebbuġ, għodda li biha kienu jagħsru ż-żebbuġ, kif ukoll inħasi kbar fejn iż-żejt kien jitħalla joqgħod, jidher li din il-villa kienet kumpless għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġ. Fiż-Żejtun, fejn illum hemm l-iskola sekondarja tal-bniet, ġie nnotat li kien hemm l-istess attività fi żmien ir-Rumani.

Numru ta' torrijiet f'forma ċirkulari ta' żmien ir-Rumani, u li llum huma fi stat ħażin ħafna ta' preservazzjoni, instabu f'diversi postijiet ta' Malta, bħal Tal-Ġawhar qrib Ħal Safi, Ta' Wilġa qrib l-Imqabba, Ta' Ċieda fl-Imsieraħ, u f'Binġemma nsibu Tas-Santi u Għajn Klieb. Minn dawn kollha torri wieħed biss ġie investigat, dak Tal-Ġawhar, l-aktar li kien fi stat tajjeb ta' preservazzjoni. L-iskavi juru li dawn il-binjiet kienu wżati fit-tielet seklu wara Kristu għad-difiża tal-Gżira.


Naf li tmur tisma' l-quddies...

IMMA?




- KEMM taf sewwa xi tfisser quddiesa?
- KIF tassew "tieħu sehem" fiha?
- GĦALIEX u x'ifisser dak li jilbes, li jagħmel u li jgħid is-saċerdot?

"IL-QUDDIESA MFISRRA"

*AQRA DAN IL-KTIEB ĠDID,*
*U SSIR TAF KEMM TAF FTIT DWAR IL-QUDDIESA...*

88 pagna! Mimli stampi! Lm1.50c biss!

Akkwista kopja mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria, jew mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

# Il-Kolesterol

Ħafna huma dawk li llum jiċċekjaw il-livell tal-kolesterol fid-demm. Dan huwa tajjeb u juri l-importanza li nieħdu ħsieb saħħitna u mhux immorru biss għand it-tabib meta nħossu xi ħaġa. Meta jkollna r-riżultat tax-xaħam fid-demm mhux dejjem nifmhu xi jfissru n-numri li naraw quddiem għajnejna. It-tabib jista jgħidlek li għandek il-kolesterol it-tajjeb baxx, u jista' wkoll ikollok il-kolesterol il-ħażin għoli. Għalhekk tajjeb li naraw xi jkun il-kolesterol it-tajjeb u xi jkun il-kolesterol il-ħażin u x'relevanza għandhom għal saħħitna. Billi dan huwa suġġett importanti u jieħu ftit fit-tul biex nispjegawh, ser inqassam l-artiklu f'żewġ ħarġiet.

Illum kulħadd sema' bil-kelma kolesterol u ħafna huma li jmorru jagħmlu t-test biex ikunu jafu jekk il-livell tax-xaħam fid-demm huwiex qiegħed sewwa. Għalhekk tajjeb li nispjegaw ċerti mistoqsijiet li ħafna jistaqsu:

Meta ngħidu kolesterol, x'nifhmu?

X'inhu kolesterol tajjeb u kolesterol ħażin?

Għalxiex iservi l-kolesterol fil-ġisem?

Meta għandna ninkwetaw dwar il-kolesterol?

X'nistgħu nagħmlu biex intejbu l-kolesterol fid-demm?

## Għaliex din l-importanza kollha dwar il-kolesterol?

Iva, huwa mportanti li nżommu l-livell tal-kolesterol fid-demm baxx. Il-mard tal-qalb u tal-arterji huwa komuni ħafna u l-kawża ta' ħafna mwiet. Kawża tal-mard tal-qalb u tal-arterji jmutu nies iktar milli bil-kanċer. Issa llum nafu fiċ-ċert li l-kolesterol huwa l-fattur prinċipali li jista' jwassal għal dan il-mard.

B'mod ġenerali:

- iktar ma jkollok kolesterol għoli iktar hemm riskju ta' mard ta' l-arterji;
- iktar ma jkollok kolesterol għoli iktar iċ-ċans li tmut minn mard tal-qalb jew ta' l-arterji.

Ir-riskju ta' dan il-mard jista' jitnaqqas jekk tnaqqas il-livell tal-kolesterol fid-demm.

## Għaliex il-kolesterol iwassal għall-mard ta' l-arterji?

Il-mard tal-qalb u ta' l-arterji qiegħed dejjem jiżdied. Huwa tip ta' mard l-iktar komuni fil-pajjiżi żviluppati u moderni. Fl-Amerika ta' Fuq biss imutu miljun persuna kull sena minn attakki tal-qalb. Ħafna minn dawn l-imwiet huma kaġun dirett ta' arterji miżdudin jew dojoq minħabba l-kolesterol. Fuq ġewwa ta' l-arterji jittrabba kallu (*plaques*) li jsodd l-arterji. Ftit ftit dan il-kallu li jkun magħmul minn xaħam u materjal ieħor idejjaq l-arterji u ma jħallix id-demm jgħaddi bil-konsegwenza li l-qalb ikollha nuqqas ta' demm u dak li jkun iħoss uġigħ f'sidru (anġina), u jekk l-vina tinstadd kompletament ikollok attakk tal-qalb. Barra minn hekk, xi biċċa minn dan il-kallu jista' jinqala', jgħaddi fiċ-ċirkulazzjoni u jikkawża mblokk x'imkien 'il bogħod, bħal fil-moħħ, u jikkawża puplisija (*stroke*). B'danakollu ma rridux naħsbu li l-kolesterol biss jikkawża l-attakki tal-qalb u l-puplisiji. Hemm diversi fatturi oħra u mard ieħor li wieħed irid jikkonsidra fosthom it-tipjip, il-ħxuna, il-pressjoni għolja, in-nuqqas ta' eżerċizzju u l-mard taz-zokkor (diabete).

## X'inhuwa l-kolesterol?

Il-kolesterol huwa sustanza qisa xemgħa li l-isem

kimiku tagħha huwa *'lipidi'*. Ħafna jikkunsidraw il-kolesterol bħala xi ħaġa li tagħmel biss il-ħsara u ma għandha l-ebda użu ieħor fil-ġisem. Dan mhux minnu, għax mingħajr kolesterol il-bniedem ma jistax jgħix. Il-kolesterol huwa bżonnjuż biex il-ġisem ikun jista' jifforma ċ-ċelluli tiegħu, u jservi biex jiksi n-nervituri tal-ġisem u biex jifforma ċerti ormoni. Iżda l-kolesterol jintuża wkoll biex il-fwied iħaddem l-ikel li nieklu.



Hawnhekk irridu nagħmlu distinzjoni bejn:

a) il-kolesterol li jinsab fid-dieta: dan il-kolesterol jinsab f'affarijiet ta' l-ikel li ġejjin minn prodotti ta' l-annimali bħal laħam, butir, ħalib, ġobon u xaħmijiet;

b) il-kolesterol li jinsab fid-demm: dan il-kolesterol huwa naturali u jifforma parti mill-kompożizzjoni tad-demm bħala lipid. Il-livell ta dan il-kolesterol jiddependi mill-fwied (80%) u minn kemm nieklu affarijiet li fihom xaħam (20%). Għalhekk, jekk nieklu ħafna affarijiet li fihom ix-xaħam il-livell tal-kolesterol fid-demm jogħla. Fatturi oħra li jaffettwaw il-livell ta' xaħam fid-demm huma n-nuqqas ta' eżerċizzju, it-tipjip, xorb żejjed u mard ieħor, bħalma hija d-diabete.

## Il-kolesterol it-tajjeb u l-kolesterol ħażin

Ix-xaħmijiet fid-demm jinsabu taħt żewġ forom prinċipali: LDLs (*low-density lipoproteins*) u HDLs (*high-density lipoproteins*). Tipi oħra ta' xaħam fid-demm huma it-*Triglycerides*. Biex niftehmu, ser insejħu l-LDLs bħala l-kolesterol il-ħażin u l-HDLs bħala l-kolesterol it-tajjeb. Ir-raġuni hija din: il-kolesterol jintuża miċ-ċelluli tal-ġisem. Issa jekk ikun hemm kwantità kbira ta' LDLs, tant li l-fwied ma jkunx jista' jlaħħaq magħhom, id-demm jimtela' bil-kolesterol u jinġema mal-arterji. Hawn jidħlu l-HDLs li jneħħu l-kolesterol mid-demm u jieħduh fil-fwied biex jissaffa mill-ġisem. Għalhekk, biex dan iċ-ċiklu ikun jista' jiffunzjona, irid ikun hemm bilanċ ta' LDLs u HDLs. Jekk ikun hemm ħafna LDLs u ftit HDLs il-livell ta' kolesterol fid-demm jogħla. Għalhekk tajjeb li relattivament irid ikun hemm iktar HDLs milli LDLs, biex il-HDLs ikunu jistgħu jnaddfu d-demm minn kolesterol żejjed biex dan ma jinġemax mal-arterji u jimblokka ċ-ċirkulazzjoni tad-demm. Għalhekk tajjeb li jkun hemm HDLs biżżejjed fid-demm u inqas LDLs.

Nota: Ix-xahar id-dieħel nitkellmu dwar it-test tal-kolesterol, kif innaqsu r-riskju, u x'miżuri nistgħu nieħdu biex innaqqsu l-livell ta' xaħam fid-demm.

TAL-ĦWAWAR

Issa Tista' Tħawwar il-Borma bħal Dari

Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-Ikel

14 - 15 Kerċem Road, Victoria, Gozo. Tel. 562160.

# It's All About

# Freedom

3 YEAR WARRANTY



## It's Designed for You

Accent

Driving with a Real Difference

You expect a lot from Hyundai. The New Accent encompasses the very best Hyundai has to offer: Strong, confident styling combined with state-of-the-art engineering for top performance and unsurpassed safety, as well as the reliability, easy maintenance and good value that all Hyundai's represent.

## 4-Door: Can Something So Fresh and Contemporary be a Classic?



HYUNDAI
BUILT WITH A PURPOSE

**EUCHARIST MERCIECA**
**Auto Ltd.**
**INSURANCE SERVICES**
Mgarr Road, Victoria VCT 11, Gozo.
Tel: 559977 Tel/Fax: 557716
552593 Mobile: 099 6025

BOOKMARK

# Pariri Spiritwali tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII

**ta' P. Guido Schembri O.F.M. Edizzjoni "*Lumen Christi Publications*" Gozo, 40p. 50ċ. J. Debono Printing Press, Nadur.**




Wieħed u tletin sena ilu, fis-sena 1969, Patri Guido Schembri O.F.M. kiteb ktieb dwar il-ħajja tal-Papa Ġwanni XXIII bl-isem ta' "Tbissima mis-Sema". Din is-sena, fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni ta' l-istess Papa, li saret fit-3 ta' Settembru, Patri Guido għoġbu jerġa' jagħtina ktieb ieħor, din id-darba "Pariri Spiritwali" ta' l-istess Papa. Huma pariri li qabel ma tahom il-Papa tat-Tbissima għexhom u ġarrabhom huwa stess, anzi għamilhom il-programm ta' ħajtu. Huma pariri kollha kemm huma mibnija fuq l-Evanġelju u għalhekk żgur li jiswew għal kull bniedem ta' kull żmien, ta' kull pajjiż u ta' kull pożizzjoni li għandu fis-soċjetà. Uħud minn dawn il-pariri nsibuhom fuq fomm il-Papa meta kien għadu Patrijarka ta' Venezja fis-sena 1953.

Il-ktejjeb ta' P. Guido fih preżentazzjoni ta' Mons. Lawrenz Cachia, flimkien ma' daħla, numru sabiħ ta' ritratti, u paġna b'dati importanti ta' ħajjet il-Papa Ġwanni. Minbarra tliet taqsimiet mimlijin b'dawn il-pariri spiritwali, il-ktieb jiġbor fih ukoll "Kliem għażiż għall-Papa Ġwanni", kliem li tennihom f'bosta okkażjonijiet differenti: lil ħuh Saverju; meta kien f'Sofia, il-Bulgarija; fl-ewwel diskors tiegħu bħala Patrijarka ta' Venezja; u fuq kollox fil-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II, l-akbar biċċa xogħol tal-Papa Ġwanni.

L-aħħar taqsima tal-ktieb tiġbor fiha "Tagħrif qasir dwar il-ħajja tal-Papa". Hekk prattikament hemm il-mixja ta' dan il-Papa twajjeb, mit-twelid tiegħu f'Sotto il-Monte sal-mewt tiegħu bħala Vigarju ta' Kristu fuq din l-art. Il-paġna ta' l-aħħar, imbagħad, fiha poeżija ħelwa ħafna midmuma minn P. Camillo Aquilina O.F.M.

Dan huwa ktejjeb li tista' taqrah fi ftit sigħat. Imma l-pariri tal-Papa Qaddis joffru programm ta' ħajja: huma gwida għal kull min irid jgħix ta' bniedem integru u nisrani konvint mill-fidi tiegħu. Fihom meditazzjoni ta' bniedem li għadda ħajtu jagħmel il-ġid lil kulħadd. Għalhekk tajjeb li wieħed jakkwista kopja ta' dan il-ktieb, jaqrah, jixtarru, u jimmeditah sewwa.

Grazzi lil Patri Guido li għoġbu jiġbor dawn il-pariri utli għall-ħajja, lill-istampatur għall-mod ċar li ppreżenta dan il-materjal, u lil *Lumen Christi Publications*, li offriet ktejjeb ieħor ta' ġid u ta' għajnuna lill-poplu kollu t'Alla.

***Mons. Lawrenz Sciberras***

# Għawdex Sportiv

## Tiġrijiet taż-Żwiemel

# Tony Cauchi (Xewkija) *Champion* ta' l-Ewropa









L-isports Għawdxi għandu għax iħoss sodisfazzjon kbir bir-riżultat miksub mis-sewwieq Tony Cauchi mix-Xewkija. Dan iż-żagħżugħ ta' 23 sena wera l-kapaċità u l-bravura tiegħu meta spiċċa *Champion* ta' l-Ewropa għas-sewwieqa apprentisti waqt il-kampjonati tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel organizzati mir-*Russian Trotting Association* b'kollaborazzjoni mill-*Union Europeene du Trot*. Dawn saru f'Moska nhar is-Sibt 26 u l-Ħadd 27 ta' Awissu 2000. Kien riżultat storiku għal fatt li għall-ewwel darba Malta issa għandha *Champion* ta' l-Ewropa f'dan l-isport partikulari. Fil-fatt dan is-suċċess wasal wara diversi tentattivi oħra li saru minn sewwieqa Maltin fis-snin preċedenti, fejn l-iktar li morna viċin kien it-tielet post miksub minn Charles Degiorgio fl-10 edizzjoni li kienet saret f'Malta.

Bla dubju huwa suċċess inkredibbli għal Tony Cauchi. Huwa ħareġ bl-unuri kollha meta spiċċa fl-ewwel post b'total ta 87 punt, vantaġġ ta' xejn inqas minn 21 punt fuq it-tieni klassifikata, Kajsa Frick ta' l-Isvezja. Biex wasal għal dan is-suċċess, Cauchi rebaħ żewġ *heats* u spiċċa t-tieni u t-tielet fi tnejn oħra, u ma pplesjax fiż-żewġ *heats* l-oħra.

Fl-ewwel ġurnata tal-kampjonat fl-għodwa tas-Sibt filgħodu, f'temperatura ta' 16°C bix-xita li għamlet il-korsa ta' Moska mtajna, saru żewġ *heats* fuq distanza ta 1660 metru. Hawn Tony Cauchi kellu bidu tajjeb fejn spiċċa fit-tielet post wara l-Olandiż Ron Kuiper ul-Isvediża Kajsa Frick (bint il-famuż Jim Frick).

Imbagħad Tony Cauchi ddomina t-tieni *heat* fejn spiċċa fl-ewwel post quddiem it-Taljan Marco del Vivo u r-Russu Igor Kiselyov, biex b'hekk qabeż jillidja l-klassifika b'36 punt quddiem l-Olandiż Ron Kuiper li kellu 27 punt. Il-Ħadd imbagħad saru l-erba' *heats* l-oħra, fejn hawn ukoll Cauchi kellu bidu żventurat fejn ix-xorti ma kienitx ħanina miegħu meta telaq biex isuq żewġ żwiemel mhux daqstant f'sikkithom, fejn dawn ma żammewx il-pass u Cauchi ma setax jispiċċa aħjar meta



*jikteb Joe Bajada*



daħal fl-10post fit-tielet *heat* u l-111-il post fil-*heat* ta' wara. Dawn ġew mirbuħa mill-Finlandiż Samuli Innanen u l-Ġermaniż Dennis Spangenberg. Wara dawn iż-żewġ tiġrijiet tal-Ħadd, Cauchi niżel fit-tieni post bi 48 punt, fejn ġie ssuperat momentarjament mill-Isvediża Fric b'55 punt fl-ewwel post.

Iżda Cauchi ma qatax qalbu, wera iktar determinazzjoni u wettaq rimonta qawwija tant li irnxxielu jirbaħ il-ħames *heat* u Frick setgħet tispiċċa biss fit-12-il post biex Cauchi reġa' ħa l-kmand tal-klassifika. Kien fadal l-aħħar *heat* u Tony Cauchi rnexxielu jispiċċa fit-tieni post wara l-Franċiż Stephane Cingland biex tella' l-punteġġ finali ta' 87 punt u ġie ddikjarat bħala ċ-*Champion* ta' l-Ewropa ta' l-Apprentisti. Wara l-premjazzjoni, Tony Cauchi kien anke intervistat mill-Istazzjon Nazzjonali Televiżiv Russu. Ta' min jgħid li t-temp il-Ħadd kien xemxi u dan għen biex il-kundizzjoniiet tal-korsa jkunu mill-aħjar.

Tony Cauchi beda l-karriera tiegħu ta' 14-il sena meta beda jieħu sehem fit-tiġrijiet organizzati mill-*Għaqda Dilettanti Ponijiet*. Minn dak inhar 'il quddiem qatt ma ħares lura, u llum huwa ġerrej stabbilit fil-Marsa fejn rebaħ diversi tiġrijiet u kampjonati. Ta' min jgħid li Tony ġej minn familja midħla sewwa taż-żwiemel, fejn kemm missieru Joe kif ukoll zijuh Carmel huma wkoll sewwieqa popolari. Interessanti wkoll huwa l-fatt li Omar, ħu Tony, li għalkemm għandu biss 15-il sena ġa qed juri li miexi fuql-istess linja, hekk li jidher li ser jipprometti ferm, fejn ser jispiċċa *Champion* tal-Ponijiet.

Mistoqsi wara s-suċċess tar-Russja, Tony Cauchi qalilna li dan ir-riżultat jagħmillu iktar kuraġġ fejn jittama li sena oħra jkun hu li jerġa' jirrapeżenta lil Malta fl-istess kampjonat. B'hekk ikun jista' jiddefendi t-titlu ta' l-Ewropa u jipprova jagħmel dak li s'issa għad għamel biss is-sewwieq Svediż Erik Adielson, li rebaħ żewġ titli konsekuttivi fin-Norveġja fl-1997 u fil-Filandja fl-1998. Cauchi radd ħajr lill-familjari kollha tiegħu, li x'uħud minnhom akkumanjawh fir-Russja biex tawh l-appoġġ kollu meħtieġ, lill-*Malta Racing Club* b'mod partikulari liċ-*Chairman* Paul Midolo u lis-Segretarju Kenneth Vella, lill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, lill-Kunsill Lokali tax-Xewkija, lill- Bord Sportiv Għawdxi, li tawh merħba mal-wasla tiegħu fl-ajruport ta' Ħal-Luqa, fl-Imġarr u fix-Xewkija Għawdex.

Minn naħa tagħna nemmnu fil-potenzjal ta' l-isportivi Għawdxin, fejn dawn, minkejja l-bosta diffikultajiet lijħabbtu wiċċhom magħhom, l-iktar biex jikkompetu f'Malta b'ħafna sagrifiċċji u determinazzjoni, jafu jaslu għas-suċċess bħalma fil-fatt irnexxielu jagħmel Tony Cauchi, li mhux biss kiseb unur persunali għalih, iżda wkoll għall-isportivi kollha Għawdxin u Maltin. Wara dan is-suċċess storiku, bir-raġun li Tony Cauchi issa jitqies bħala l-eroj ta' l-Isports Għawdxi. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex għal darb'oħra nifraħ pubblikament lil Tony Cauchi għal dan is-suċċess li kiseb u nawguralu iktar unuri fil-ġejjieni. Grazzi mill-ġdid, u prosit, Tony.



Mid-dinja Teknoloġika

rubrika ta' **Pierre J. Mejlak**

# Għawdex fuq l-Internet



Wara li issa l-internet ilu stabbilit f'Malta għal dawn l-aħħar snin, Għawdex jista' jiftaħar li għandu preżenza qawwija fid-dinja virtwali. Fil-fatt illum wieħed jista' jsir jaf dwar ħafna aspetti mil-gżira Għawdxija permezz ta' l-internet.

Is-*site* pijuniera dwar Għawdex tibqà il-**gozo.com** li minn *website* limitata fi Frar tal-1999 żviluppat f'waħda mill-aqwa *sites* operati minn Malta. Is-*site* nfetħet uffiċċjalment fl-1 ta' Frar tas-sena 1999 u minn dak inhar żaruha madwar 200,000 persuna. F'dan is-*site* wieħed jista' jsib kollox dwar il-gżira Għawdxija: minn mappa dettaljata ta' kull triq, sal-bajjiet, fortifikazzjonijiet, servizzi offruti f'Għawdex, knejjes, *post-cards* Għawdxin u tagħrif dwar kull lokalità Għawdxija. Bosta Kunsilli Lokali għandhom ukoll il-paġna uffiċċjali tagħhom mal-**gozo.com.** Imma forsi l-aktar ħaġa li tiġbed nies lejn is-*site* hija s-servizz ta' *chat room*, li ta' kull jum jgħaqqad ammont konsiderevoli ta' utenti. F'dawn l-aħħar xhur il-**gozo.com** varat ukoll is-servizz ta' *voice chat*, fejn dak li jkun jisma' u jitkellem. Il-**gozo.com** kienet ukoll waħda mill-ewwel zewġ *sites* maltin, flimkien ma' **searchmalta. com** li bdiet tesperimenta bil-WAP - internet fuq telefon ċellulari. Fl-aħħar xhur l-istess kumpanija nediet s-*site* **gozomail.com.** li qed toffri s-servizzi ta' l-*e-mail* b'xejn. Fil-futur qarib imiss issa li tinfetaħ is-**searchgoz. com** operata ukoll mill-**gozo.com.**

Tagħrif dettaljat dwar il-gzira Għawdxija jista' jinstab mis-sezzjoni ta' Għawdex ta' **aboutmalta.com**, l-enċiklopedija *online* dwar il-gżejjer Maltin. Is-sezzjoni t'Għawdex, għalkemm għada qed tiġi mibnija, tinkludi ammont ta' artikli dwar bosta suġġetti relatati ma' Għawdex. Dawn ivarjaw minn artikli ġenerali ta' informazzjoni, ħarsa lejn il-folklor Għawdxi, kotba b'riferenza dwar Għawdex, arti, kultura, id-djalett Għawdxi, il-Ġgantija, iċ-Ċittadella, il-Fanal tal-Ġurdan, servizz dwar il-Ġimgħa Kbira f'Għawdex u servizz dwar il-Karnival Għawdxi, b'riferenza speċjali għall-Karnival spontanju tan-Nadur.

*Site* oħra dwar Għawdex hija l-**gozodirect.com**. Toffri artikli relatati m'Għawdex u tieħu ħsieb ukoll ir-radjijiet komunitarji, il-Caritas t'Għawdex flimkien ma verżjoni *on line* ta' din ir-rivista. Għandha ukoll servizz ta' *chat*. Is-*site* infetaħ f'Jannar tal-1999 u skond il-*counter* li wieħed isib fl-ewwel paġna tas-*site* żaruh aktar minn 21, 000 persuna.

Id-Djoċesi t'Għawdex għandha is-*site* tagħha f'**gozodiocese.org.** Hawn wieħed isib informazzjoni relatata mal-operat tal-Kurja t'Għawdex, informazzjoni dwar il-parroċċi t'Għawdex u ruxxmata tagħrif ieħor dwar l-istorja tad-Djoċesi u servizzi oħra li toffri.

Waħda mis-*sites* li nfetħu dwar Għawdex hija l-**guidegozo.com.**Toffri ħafna *links* għall-paġni Għawdxin flimkien ma' informazzjoni oħra relatata mal-gżira.

Imbagħad hemm għadd kbir ta' organizazzjonijiet, gruppi u persuni oħra li għandhom *sites* dedikati għall-ħidma tagħhom. L-aħjar gwida biex issib links għall-paġni Għawdxin tibqa' s-**searchmalta. com.** Dan sakemm jinfetaħ is-*site* **searchgozo.com!**


The All-new CELICA
Face-to-face with Excitement
Front on, the assertive stance and stylish poise
ignite a passion for driving excitement.
Futuristic headlamps and aggressive air intake
meld form with function.
Open up the New Celica!
CELICA
TOYOTA
debono
Rohan Arch, Zebbug. Tel: 465806 / 465642
PARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer - Tel: 556678 / 553715

# LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS




## KOTBA TA' SPIRITWALITÀ
### għal ħajtek kollha




## Sensiela "Ejjew Nitolbu" ta' Mons. Isqof Nikol G. Cauchi

1. *Ejjew Nitolbu* (12-il edizzjoni, 2000) 25ċ
2. *Ma' Ġesù fl-Ewkaristija* (2 edizzjoni, 1996) 50ċ
3. *Ma' Ġesù fit-Tbatija* (1 edizzjoni, 1998) Lm1.00
4. *Ir-Rużarju fil-Familja Nisranija* (6 edizzjoni, 1998) 25ċ
5. *F'Riġlejn Kristu Msallab* (3 edizzjoni, 1999) 25ċ
6. *Fi Ħdan l-Addolorata* (3 edizzjoni, 1999) 25ċ

## Sensiela "Manwali Klassiċi ta' Spiritwalità"

1. *L-Imitazzjoni ta' Kristu* - Kempis (1996) Lm1.50
2. *Missierna... ikun li trid Int* - S. Ċiprijanu / S. Alfonz (1997) Lm1.00
3. *Il-Mixja Spiritwali* - Scupoli (1999) Lm1.50

## Sensiela "Orizzonti Bibbliċi"

1. *Mixja mas-Sena tal-Knisja* - Mons. L. Sciberras (1996) Lm3.00
2. *Kristu - Hajtu u Taghlimu* - P. Sammut (1997) Lm3.50

## Sensiela "Dawl Marjan" ta' Mons. Isqof Nikol G. Cauchi

1. *Il-Madonna fit-Tagħlim tas-Santi Padri* (1991) Lm1.50
2. *Il-Madonna fil-Poeżija Ewropea* (1997) Lm2.00
3. *Storja tal-Marjoloġija* (1999) Lm2.00




## Sensiela "Spirtu u Ħajja"

1. *Pariri Spiritwali tal-Beatu Patri Piju* - A. Parente / R. Galea (1999) 50ċ
2. *Pariri Spiritwali tal-Beatu Dun Ġorġ Preca* - B. Mercieca (Sett. 2000) 50ċ
3. *Pariri Spiritwali tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII* - G. Schembri ofm (Sett. 2000) 50ċ

## Sensiela "Għejun ta' Katekesi"

1. Il-Pjan tal-Fidwa fil-Bibbja - G. Schembri ofm (1999) Lm1.50
2. Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Knisja - Mons. Isqof Nikol G. Cauchi (1999) Lm1.50
3. Il-Ġublew: X'inhu u Għaliex - Mons. Salv Borg (1999) Lm1.50
4. Il-Quddiesa Mfissra - Mons. Isqof Nikol G. Cauchi (2000) Lm1.50
5. Is-Sagramenti f'Ħajjitna - G. Schembri ofm (Ott. 2000) Lm1.50

## Kotba oħra ta' Spiritwalità ippubblikati separatament

1. *Nistrieħu fil-Mulej* - A. Sultana (1984) Lm1.00
2. *Nitolbu għall-Erwieħ Ikkonsagrati* - Mons. Isqof Nikol G. Cauchi (1988) 50ċ
3. *Żjajjar lil Ġesù Sagramentat* - Mons. Isqof Nikol G. Cauchi (1989) 75ċ
4. *Ġawhar ta' San Ġwann tas-Salib* - A. Camilleri (1992) Lm1.00
5. *Id-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù* - Mons. Isqof Nikol G. Cauchi (1986) 50ċ
6. *Il-Qima lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù* - P.Sammut (1994) Lm1.50
7. *Armoniji ta' Ħsieb u Fidi* - Profs. Ġ. Aquilina (1995) Lm1.00
8. *Mulej li Jagħti l-Ħajja* - Mons. Isqof Nikol G. Cauchi ( 1994) Lm1.00
9. *Marija Għallimna l-"Iva" tiegħek* - C. Zichetti (1999) 15ċ
10. *Hawn hi Ommok* - A. Xuereb (1999) Lm 1.00

Dawn u kotba oħra tal-Lumen Christi Publications jistgħu jinkisbu minn għand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi jew billi tikkuntattja lid-distributur fil-

**LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria, VCT 111, Għawdex.

Tel: 560496/7 Fax: 561860

e-mail: lumenchristi@gozodirect.com homepage: www.gozodirect.com/lumenchristi